# LEĦEN IL-PARROĊĊA

## ta' Ħal Safi

*Festa 2019*

**Ħarġa No. 41**



175 SENA

STATWA TITULARI

# *Leħen il-Parroċċa ta' Ħal Safi*




***Ritratt tal-faċċata:***

***L-istatwa titulari ta' San Pawl f'Ħal Safi Ritratt ta' Stephen Baldacchino fuq sfond San Pawl armat fil-Knisja fi żmien l-imgħoddi, ritratt li hu proprjetà tal-Parroċċa San Pawl - Ħal Safi***


**Bord Editorjali**

*President:*
Kappillan
Kan. David Farrugia

*Editur:*
Dorian Baldacchino

*Ritratti:*
Joseph Borg
Carl Farrugia
Dorian Baldacchino
Fr David Farrugia
Każin Banda San Pawl - Safi

*Indirizz:*
21, Triq Santa Marija,
Safi - SFI 1211
Tel: 21649223

**Issettjat u Stampat**
**Print Right Ltd. - Qormi**
**Tel:** 21250994
**Mob:** 99490344
**e-mail:**printright@onvol.net


# F'din il-Ħarġa


**1.** Editorjal

**3.** Messaġġ mill-Kappillan

**7.** Messaġġ minn Dun Karm Zammit

**9.** Rev. Tony Pace

**13.** Manutenzjoni li saret fil-Knisja 2017-2018

**17.** Ritratti tal-Manutenzjoni li saret fil-Knisja

**20.** Ritratti tal-Manutenzjoni li saret fil-Knisja

**22.** Rendikont Festa San Pawl 2018

**23.** Skannel prezzjuż f'Ħal Safi

**30.** 175 mill-Istatwa Titulari ta' San Pawl fostna

**40.** Programm tal-Festa 2019

**44.** Memorji mill-isbaħ tal-Festa 2018

**46.** San Pawl - Ħolma tal-Ħalsafin

**51.** L-appuntament annwali tiegħi mal-Perù

**55.** Esperjenza ta' volontarjat fl-Albanija

**58.** Esperjenza bħala abbati fil-Vatikan

**63.** Differenzi u xebħ fid-diskors bid-djalett tal-ġenituri lit-tfal

**67.** Messaġġ mis-Superjura

**71.** Messaġġ mis-Superjur

**78.** Mir-Reġistri tal-Parroċċa u Avviżi






Editorjal

*Dorian Baldacchino*

## L-Anniversarju

Din is-sena speċjali li fiha qed infakkru l-175 sena mill-miġja tal-istatwa titulari ta' San Pawl, xogħol Alessandru Farrugia, ġo Ħal Safi, meta ħarġet proċessjonalment għall-ewwel darba mat-toroq ta' raħalna fl-1844. Kemm saru preparamenti sabiex din is-sena tkun aktar speċjali mis-snin l-imgħoddija!

Biss qatt ħsibna li din ix-xbieha ta' San Pawl tista' twasslilna messaġġ spiritwali qawwi? Ħalluni nislet ftit lezzjonijiet: L-ewwel waħda li nħoss li l-iskultur Xandru jippreżentalna hija dik il-ħarsa ffokata ta' San Pawl fuq il-poplu li lilu qed ixandar l-Evanġelju. Imma fl-istess ħin, ħarstu hija ankrata fi Kristu, li tiegħu hu għodda maħtura sabiex iwassal l-Evanġelju. Din il-ħarsa penetranti qed tkellem lil qlubna ħalli ħarsitna u ħajjitna ma jieqfux fuq l-affarijiet materjali u temporarji biss, imma fuq Kristu, li kif isejjaħlu San Ġorġ Preca, għandu jkun *il-Ktieb il-Kbir* tagħna. Mhux ta' b'xejn li Mastru Xand għamel lil San Pawl iżomm f'idejh l-Evanġelju b'ċerta għożża u prominenza! Waqt li kien ixandar l-Evanġelju lill-ġnus, hu nnifsu kien xhieda tal-Evanġelju li jippriedka bil-mod u bl-istil ta' ħajja li kien jgħix, tant li jasal jistqarr li kien neża' l-bniedem il-qadim biex jilbes il-bniedem il-ġdid. L-iskultur fuq il-ktieb iwasslilna l-vers mill-Ewwel Ittra lill-Korintin Kapitlu 4, vers 15: *"Jiena hu li, bl-Evanġelju, nissiltkom fi Kristu Ġesù"* u hekk jurina li San Pawl donnu bħal missier li jnissilna bħala wlied fil-bniedem il-ġdid: Kristu Ġesù. Taħt l-Evanġelju jpoġġilna x-xabla tal-kelma ta' Alla li taqta' miż-żewġ naħat. Riġlejn il-qaddis huma sodi mal-art, iżda bħal donnu qed imidd il-pass 'il quddiem, jimxi magħna matul ħajjitna, ifarraġna u jindukrana bħala protettur tagħna. Idejh ix-xellugija qiegħda mgħollija 'l fuq sabiex jgħallimna u jurina t-triq, imma wkoll biex iberikna lkoll bħala missier. Tassew jgħallimna San Pawl u x-xbieha tiegħu!

Nagħlaq billi l-ewwelnett inħeġġeġ lill-parruċċani kollha sabiex jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet kollha tal-festa, speċjalment f'dawk spiritwali li jagħtu l-proprja identità lil din il-festa. U nirringrazzja lil dawk kollha li qed jagħtu sehemhom f'dan il-fuljett u lil dawk li joffru minn ħinhom, minn saħħithom, u minn flushom biex iħejju festa xierqa f'ġieħ San Pawl.

Min qalbi nixtieq nawgura l-festa tajba u qaddisa lil kulħadd!

# tower ironmongery



*suppliers of:*



Building Materials,
D.I.Y., Power Tools & Hand Tools,
Electrical & Plumbing, Water Heaters,
Grouting, Cement, Lime & Adhesive Products,
Drain Pipes & Fittings,
Galvanised Pipes & Fittings,
Aluminium Ladders, Curtain Rails, Rużuni,
Sanitary Fittings, Garden Tools,
Plastic Chairs & Tables,
Fans, Barbecues, Heaters,





# Sigma Paint Dispensing System



- An endless variety of colours to choose
- Available in three different sizes
- Interior & Exterior Paint
- Mixed while you wait



**Tower Street, Żurrieq ŻRQ 2360**
**Tel: 2164 0196**
**E-mail:** sales@towerirmongery.com






Messaġġ mill-Kappillan *Kan. David Farrugia*

## San Pawl : jidher rasu iebsa, imma żgur mhux ta' qalb iebsa

**Sod fid-determinazzjoni, iżda miftuħ għall-ġdid tal-Mulej**

Bil-mod il-mod l-istaġun tal-festi qed joqrob lejn tmiemu, imma għar-raħal tagħna ma nistgħux ngħidu li jkun għadda s-sajf minn fuqna jekk fl-aħħar Ħadd ta' Awwissu ma niċċelebrawx il-Festa hekk għażiża għalina f'ġieħ l-Appostlu Missierna San Pawl u l-Konverżjoni tiegħu. Għalhekk, waqt li nagħti merħba lil kull min qed jaqra dawn il-kelmtejn, f'isem il-Ħalsafin insellem ukoll lil dawk il-Ħalsafin li joqogħdu fi rħula oħra, u lill-Pawlini kollha, li din is-sena se jingħaqdu magħna f'xi ħin matul il-ġimgħa tal-festa.

Ma nafx qattx innutajtu, imma apparti l-25 ta' Jannar, u għalina f'Ħal Safi, fil-jiem tal-festa ta' Awwissu wkoll, il-Liturġija tal-Knisja toffri għar-riflessjoni tagħna l-Insara l-ġrajja ta' Sawlu ta' Tarsu fit-triq lejn Damasku fejn sejjaħlu l-Mulej, hekk kif irrakkontata fl-Atti tal-Appostli 9:1-20, anke fi Żmien il-Għid, eżattament nhar il-Ġimgħa tat-Tielet ġimgħa ta' Żmien il-Għid.

U din is-sena, eżattament nhar il-Ġimgħa 10 ta' Mejju 2019, il-Papa Franġisku waqt il-quddiesa li ċċelebra fil-Kappella tad-Dar Santa Marta fil-Vatikan, fl-omelija tiegħu qal li l-Konverżjoni ta' San Pawl hi paġna ġdida fl-istorja tas-salvazzjoni: *"il-Konverżjoni ta' San Pawl hi ftit bħal bieb miftuħ lejn l-universalità tal-Knisja."* – mis-salvazzjoni tal-poplu Lhudi biss, bil-figura ta' San Pawl b'mod partikulari, il-Knisja tasal li tibda tagħraf li s-salvazzjoni hi offruta lill-pagani, lill-ġentili u lil kull min ma kienx Lhudi.

Imma kif nistgħu naslu biex bħala Nsara nkunu Knisja bil-bibien miftuħin?
Il-Papa jippreżentalna żewġ karatteristiċi meħuda minn San Pawl innifsu.

**Konsistenza u Ħeġġa**

Sawlu kien bniedem ta' rieda qawwija, innamrat mal-Liġi ta' Alla, mas-safa tal-liġi. U din kienet ir-raġuni li għamlitu jidher bħala bniedem rasu iebsa, u qaddej akkanit ta' persekuzzjoni mnehdija mill-awtoritajiet reliġjużi Lhud kontra l-ewlenin Insara hekk li *"kien qiegħed jagħmel ħerba mill-Knisja."* [Atti 8:3] Hu kien jaħseb li jekk dawn jaslu biex jitkeċċew mis-sinagogi u saħansitra jinqatlu, kien *"ikun qiegħed jagħti qima lil Alla"* [Ara Ġw 16:2-3] ladarba jkun qed isaffi

lill-poplu ta' Alla minn kull ereżija u minn kull min ixerridha. Għalhekk hu beda jippersegwita lill-Insara għax kien konvint li dak kien li jrid Alla f'dak il-mument minnu; kien imexxih iż-żelu li kellu għas-safa tad-dar ta' Alla, għall-glorja ta' Alla. Għaldaqstant, minkejja li fil-ħeġġa tiegħu kien qed juri ċerta guffaġni fl-aġir, ejjew nagħrfu iżda li kien pjuttost koerenti mal-prinċipji li kien iħaddan. B'hekk kien lest li jirriskja u jibqa' miexi, anke jekk dan ma kienx jagħmlu wisq popolari u maħbub min-nies ta' żmienu.

**Doċilità u Ftuħ għall-Għarfien u s-Smigħ tal-Vuċi ta' Alla**

Forsi t-temperament ta' Sawlu ta' Tarsu jidher pjuttost riġidu, imma sa mill-bidunett, b'ċertezza nistgħu ngħidu li qalbu u l-ispirtu tiegħu żgur ma kinux. Qalb San Pawl fil-fatt kienet doċli għal-leħen ta' Alla: hu mill-ewwel wera li kien miftuħ għas-suġġerimenti ta' Alla ħaj għax ladarba sama' leħen il-Mulej Ġesù glorjuż, sar donnu tifel u ħalla lilu jmexxih. Il-konvinzjonijiet kollha li kellu siktu hu u jistieden leħen il-Mulej jiggwidah: *"X'għandi nagħmel, Mulej?"* U mar lejn Damasku, jiltaqa' ma' Ħananija, raġel li dewqu, għallmu, u għamlu ħabib mal-Evanġelju u għammdu ħalli hekk jieħu d-dawl. Hu aċċetta kollox u reġa' ħa s-saħħa u jmur lejn l-Għarabja biex jitlob, ma nafux għal kemm żmien, sa' ma jibda jidħol aktar fil-ħajja u fil-missjoni Nisranija, pjuttost ġdida, fost il-ġnus, b'tant ħeġġa u perseveranza.

**U aħna: Ser inħallu dawn il-kwalitajiet jimmarkaw lil ħajjitna?**

U meta aħna se nħarsu lejna nfusna u lejn il-figura ta' San Pawl, sabiex niċċelebrawh b'mod speċjali f'dawn il-jiem, se nkunu ningħarfu tassew bħala dawk imnisslin minnu fil-fidi? Se nkunu kapaċi nuru li qed insiru Knisja kif xtaq, ħadem, u stinka għaliha San Pawl: Knisja bil-bibien miftuħin li tiltaqa' mal-bniedem ta' llum u ta' għada?

- Fejn hi l-Ħeġġa u l-Perseveranza għal Alla u għal dak li hu tiegħu?

  *Ejjew nindunaw li l-Knisja mhijiex il-Papa, l-Isqof jew xi erba' qassisin biss, imma hija kull wieħed u waħda minna li rċevejna l-Magħmudija u li s-sabiħ tagħha hu li nemmnu bis-sħiħ u nagħtu sehemna b'entużjażmu u impenn b'atti ta' mħabba bla fruntieri, lingwaġġ tassew etern.*

- Fejn hi d-Doċilità u l-Ftuħ għall-Għarfien u s-Smigħ tal-Vuċi ta' Alla?

  *Ejjew nagħrfu nifthu aktar il-bibien ta' qalbna għal Alla u għal esperjenzi li jqarrbuna aktar lejn xulxin bħala aħwa u mhux li naraw lil xulxin bħala barranin jew saħansitra għedewwa. Bħal San Pawl ejjew inkunu sodi fid-determinazzjoni, iżda miftuħin għall-ġdid tal-Mulej.*

Nagħmlu tagħna l-kliem ta' Papa Franġisku li:

**Nitolbu lil San Pawl il-grazzja li nkunu doċli għal-leħen tal-Mulej**
**u b'qalbna miftuħa għall-preżenza tiegħU:**
**nitolbuh il-grazzja li bħalu ma nibżgħux nagħmlu affarijiet kbar,**
**li nibqgħu mexjin 'il quddiem, basta dak li nagħmlu,**
**nagħmluh bid-delikatezza li nieħdu ħsieb ukoll l-affarijiet iż-żgħar.**

Filwaqt li nirrigrazzja lil dawk kollha li flimkien ser inkunu qed naħdmu biex niċċelebraw kif jixraq din il-Festa speċjali ad unur San Pawl, nawgura li jkollna festa sabiħa u qaddisa, fejn nagħrfu nikbru aktar fit-toroq tal-grazzja ta' Alla.

Viva San Pawl u l-Festa t-Tajba lil kulħadd!





***Infittxu lil Kristu...***
***għax Kristu jfittixna***
*"Jien kuljum nistennik"*

## Cassar Florist & Bargain Shop

(Taz-Zizzu)

*For your: Wedding Flowers, Holy Communion, Head-dresses, Engagement Parties, Funerals, Wedding Invitations, Souvenirs, Tulle & Accessories for all occasions.*

**Triq G. Mattew Callus, Żurrieq**
**Tel. Shop: 2164 0501**
**Mob: 9946 7457, 9989 7385**



**FAST, RELIABLE & AFFORDABLE**

- Construction Works
- Concrete and Form Works
- Printed and Stencilled Concrete Paving
- Warehouse and Garage Concrete Floor Screeds
- Installation of Earth Electrode
- Laying of Waterproofing Membrane
- Hire of Plant and Machinery
- Refurbishing of Pavements
- Road Patching Work



J.&K. Contractors Ltd.

102, Triq Il-Hammieri,
Qormi QRM 1505
E:jandkcontractorslimited@gmail.com
T/F: 21447805
M: 99494813 / 99404821






Messaġġ għall-Festa 2019

*Dun Karm Zammit*

## San Pawl u l-Qdusija tagħna

Aktar milli nitkellem jew nikteb jien,
din id-darba se jitkellem u jikteb San Pawl fl-Ewwel Ittra tiegħu lit-Tessalonikin:-

"Tafu x'tagħlim tajniekom permezz ta' Sidna Ġesù.
Dan irid Alla minnkom: **il-Qdusija tagħkom**." (1 Tessalonikin 4:2-3)

"Fittxu li tgħixu fil-kwiet,
kulħadd jagħmel li għandu jagħmel u taħdmu b'idejkom." (1 Tessalonikin 4:11)

"Jekk aħna nemmnu li Ġesù miet u qam mill-imwiet,
hekk ukoll Alla jiġbor miegħu lil dawk li raqdu f'Ġesù." (1 Tessalonikin 4:14)

"Ladarba aħna wlied il-jum, ejjew ngħixu bil-qjies,
nilbsu l-kurazza tal-fidi u l-imħabba,
u l-elmu tat-tama tas-salvazzjoni." (1 Tessalonikin 5:8)

"Aħna nħeġġukom, ħuti,
biex twiddbu lill-għażżenin, tagħmlu l-qalb lill-beżżiegħa,
tgħinu lid-dgħajfa, tistabru b'kulħadd.
Qisu li ħadd ma jrodd deni b'deni,
imma fittxu dejjem il-ġid ta' xulxin u ta' kulħadd." (1 Tessalonikin 5:14-15)

"Ifirħu dejjem, itolbu bla heda, iżżu ħajr lil Alla f'kollox." (1 Tessalonikin 5:16-18)

"Ippruvaw kollox; it-tajjeb żommuh,
u, fuq kollox, warrbu kull xorta ta' ħażen." (1 Tessalonikin 5:21-22)

**San Pawl Missierna jieħu ħsiebna u jberikna!**


Magic Clean
Discount Detergent Shop
Triq Filippu Farrugia, Żurrieq
Tel: 2164 7070
Mob: 7720 8974/99268290
Email: magic.clean.zurrieq@gmail.com
You can order by phone with FREE DELIVERY
THE HEART OF MAGIC PRICES


EuroCaterers
Sales and Contract Hire
of Slush Machines.
Testaferrata Street, Żurrieq
Tel/Fax: (00356) 2164 2647
E-mail: tempOO@nextgen.net.mt
Contact Person: Mario Attard



## L-Ordinazzjoni Djakonali

*Rev. Tony Pace - Djaknu*

Fit-12 ta' Mejju li għadda (2019) il-Mulej għoġbu jxerred fuqi grazzji kbar meta flimkien ma' erba' seminaristi oħra, David Borg, Christopher Bugeja, Jonathan Debattista u Osmar Baldacchino, ġejt ordnat bħala djaknu fil-Knisja Kattolika. Xi jfisser proprjament id-djakonat?

1. **Id-Djakonat:** is-sagrament tal-Ordni Sagri jinqasam fi tliet gradi: dawn huma d-djakonat, il-presbiterat u l-episkopat. Min jirċievi l-Ordni Sagri jkun qiegħed jagħti ħajtu għas-servizz totali lil Alla. Id-djakonat huwa l-ewwel grad tal-Ordni Sagri. Id-djaknu huwa qaddej, impenjat fis-servizz tax-xandir tal-Bxara t-Tajba.



2. **Id-dmirijiet prinċipali tad-djaknu:** fost diversi dmirijiet oħra, id-djaknu jassisti u jgħin lill-Isqfijiet u lis-saċerdoti fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi speċjalment fl-Ewkaristija, jamministra s-sagrament tal-Magħmudija, jassisti u jbierek iż-żwiġijiet, ixandar l-Evanġelju u jgħin lill-kongregazzjonijiet biex jirriflettu dwar l-istess Evanġelju permezz tal-omelija, imexxi l-funerali, jgħin fit-tberik tad-djar u tal-persuni li jgħixu fihom.

3. **Il-Familja:** id-dmirijiet lejn il-familja tiegħi ma nbidlux bid-djakonat. Bħala missier nibqa' fid-dmir u mpenjat li nfittex il-ġid temporali u spiritwali ta' uliedi u l-familji tagħhom. Li nbidel huwa l-fatt li issa jiena mpenjat ukoll li nkun missier spiritwali għall-komunitajiet fejn inkun qiegħed neżerċita l-ministeru tiegħi.



4. **Il-belt jew raħal fejn id-djaknu jagħti s-servizzi tiegħu:** waqt l-Ordinazzjoni aħna wegħidna ubbidjenza lejn l-Arċisqof u lejn is-suċċessuri tiegħu. Bħalissa l-Arċisqof bagħatni fil-parroċċa San Piju X ta' Santa Luċija. Hawnhekk nista' ngħid li nħossni milqugħ, u li qiegħed naħdem komdu ħafna mal-kappillan Fr Joseph Mizzi, ma' Fr Adrian Caruana Colombo u r-Reverendu Dr Paul Galea li jgħinuh f'dil-parroċċa, kif ukoll ma' diversi lajċi impenjati u *helpers* oħra. B'dan il-pass ukoll, il-kappillan Fr Joseph Mizzi daħal ko-responsabbli mad-direzzjoni tas-Seminarju għall-formazzjoni tiegħi għas-saċerdozju. Dan ma jfissirx li jiena issa maqtugħ għal kollox mill-parroċċa tiegħi ta' Ħal Safi. Għall-kuntrarju, kull meta nista' nipprova nagħti daqqa t'id lill-kappillan tal-komunità tagħna, il-Kanonku David Farrugia, li min-naħa tiegħu, xi ħaġa li napprezza immens, jagħmel minn kollox biex ikompli jħarriġni għall-Ordinazzjoni Presbiterali.



5. **Il-wegħda taċ-ċelibat:** waqt l-omelija tal-Ordinazzjoni Djakonali, Mons. Arċisqof spjega ċ-ċelibat billi qalilna: "*... Intom u tħaddnu ċ-ċelibat għas-Saltna ta' Alla, illum, mintomx qed tagħżlu ħajja mingħajr imħabba, m'intomx qed tagħżlu kundanna stupida u belha għas-solitudni, sterili u vojta, imma qed tiftħu l-qalb tagħkom għal kulħadd, kullimkien, u fuq kollox għall-imħabba tal-Mulej.*" Il-wegħda taċ-ċelibat għamilnieha quddiem Mons. Arċisqof u fil-preżenza tad-direzzjoni tas-Seminarju bħala xhieda, f'ċerimonja ġewwa s-Seminarju Tal-Virtù sitt ijiem qabel l-Ordinazzjoni Djakonali. Permezz taċ-ċelibat id-djaknu jimpenja ruħu illi r-relazzjonijiet li jibni ma' ħutu l-bnedmin ikollhom dejjem l-iskop li jwasslu lill-erwieħ għand Ġesù.

6. **Ibni David u s-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl (l-MSSP):** David għadu kif lesta kors fil-Filosofija u l-Psikoloġija fl-Università ta' Malta. F'Lulju huwa beda esperjenza missjunarja fil-Perù. Jekk Alla jrid f'April li ġej ikun hawn Malta għall-Ordinazzjoni Presbiterali ta' missieru biex imbagħad jerġa' jitlaq lejn il-Filippini biex ikompli l-istudji fit-Teoloġija, kors ta' madwar erba' snin. Inżommuh fit-talb tagħna.



7. **Il-pass li jmiss:** imiss issa t-tieni grad tal-Ordni Sagri, l-Ordinazzjoni Presbiterali li probabbli ssir f'April 2020.

8. **Il-komunità Ħalsafija**: nhar it-12 ta' Mejju, waqt l-Ordinazzjoni, minbarra l-preżenza tal-familjari u l-ħbieb, apprezzajt immens il-preżenza tas-Sindku u l-kunsillieri, kif ukoll ta' bosta lajċi mpenjati u *helpers* tal-parroċċa tagħna.



9. **Il-Festa t-Tajba!:** Għeżież Ħalsafin, filwaqt li nawguralkom festa mill-isbaħ, festa li tħalli l-frott kemm materjali kif ukoll spiritwali, inħeġġiġkom tkomplu żżommu lili, lis-saċerdoti, lir-reliġjużi u lis-seminaristi fit-talb tagħkom. U dejjem ftakru li titolbu wkoll għal aktar vokazzjonijiet mir-raħal tagħna.

Grazzi u l-Festa t-tajba.




# DR ALEXANDRA GAUCI

**tawgura l-Festa t-Tajba**
**lill-Ħalsafin kollha**

Infakkarkom li qed noffri s-servizz
tiegħi mill-klinika

HealthQi
Family Wellness Clinic

**Mon (8:00am - 11.30pm)**
**Mon - Fri (4:00pm - 7:00pm)**
**Saturday (8:30am - 11:30am)**

**77, Triq l-Iskola, Ħal Safi**
**Mob: 9984 0443**




# Manutenzjoni li saret fil-Knisja 2018-2019

Xi ħaġa li żgur kulmin jattendi l-quddies tal-Ħadd fil-Parroċċa tagħna jinnotta hija li kull nhar ta' Ħadd fil-ħin tal-Avviżi ngħid x'kontribuzzjonijiet finanzjarji jkunu daħlu kemm b'mod personali, kemm mil-lotteriji li jsiru minn żmien għal żmien u kemm mill-ħarġiet li jiġu organizzati ta' kull xahar. Apparti hekk, ikollna l-ġbir tal-ewwel Ħadd tax-xahar. Biss huwa permezz ta' din il-kitba f'dan il-fuljett fejn nagħtu ħarsa lejn dak li jkun twettaq f'dak li għandu x'jaqsam mal-proġetti ta' manutenzjoni u restawr li jkunu għaddejjin fid-diversi proprjetajiet tal-parroċċa tagħna mill-festa li għaddiet sa din il-festa.

## LAT ESTERN TAL-KNISJA PARROKKJALI

**Manutenzjoni tal-bjut prinċipali tal-knisja**
Eżatt kif għaddiet il-festa, il-bjut prinċipali reġgħet saritilhom xi manutenzjoni u taħlib biex inkomplu nassiguraw li jkunu protetti mill-ilmijiet u elementi oħra. Dan ix-xogħol sar mis-Sur Pawlu Busuttil b'mod volontarju.

**Manutenzjoni tal-bibien tal-knisja**
Ingħatat dawra lil dawn il-bibien, fejn ix-xogħol tal-brix u l-verniċ sar mis-Sur Joe Ellul u sewa €335.

**Tħawwil u tisqija ta' xtieli ġodda fuq iz-zuntier**
Minn żmien għal żmien, il-Kunsill Lokali jieħu ħsieb li jinbidlu x-xtieli morda u niexfa li hemm fi ħwat apposta fuq iz-zuntier ma' oħrajn ġodda; dawn baqgħu jissaqqew matul is-sena.

## LAT INTERN TAL-KNISJA PARROKKJALI

**Xiri ta' 2 fannijiet għal fuq il-Gallarija tal-Orgni tal-knisja**
Lejn l-aħħar ta' Awwissu 2018 inxtraw 2 fannijiet bir-*remote* li jeħlu mal-ħajt, mingħand il-*Homemate* tal-Imrieħel. L-ispiża tagħhom telgħet għal €71.90.

**Xiri u tibdil ta' 4 fannijiet għall-knisja**
Lejn l-aħħar ta' Lulju nxtraw xi fannijiet biex jibdlu oħrajn li kellhom xi ħsara. Dawn inxtraw mingħand il-*Little Profit Bazaar* ta' Ħal Safi stess u l-ispiża tagħhom telgħet għal €176.

**Manutenzjoni tal-orgni tad-ditta *Mascioni***
Is-Sur Robert Buhagiar, li kien irrestawra l-orgni b'mod estensiv xi snin ilu, għall-bidu ta' Diċembru 2018 ta *service* lill-orgni. L-ispiża kienet ta' €30.

**Tiswija tas-siġġijiet**
Tkompla xi xogħol tat-tibdil u tiswija tas-siġġijiet b'mod volontarju mis-Sur Paul Busuttil.

**Tiswija tal-Arloġġ tas-Sagristija**
Lejn l-aħħar ta' Awwissu 2018, is-Sur Stephen Zammit irranġa l-arloġġ li jeħel mal-ħajt li jinsab fis-Sagristija, li kien qed jieqaf. L-ispiża kienet ta' €75.

**Tibdil tal-bozoz tal-Linfa tas-Sagristija**
Għal Diċembru 2018 ġew mibdula l-bozoz tal-linfa tas-sagristija fejn saru LED biex hekk niffrankaw ukoll ftit mill-konsum tal-elettriku. Dawn inxtraw mingħand it-*Tower Ironmongery* taż-Żurrieq u l-ispiża tagħhom telgħet għal €30.

**Għotja ta' 6 Siġġijiet għal fuq il-Presbiterju**
Lejn il-bidu ta' Awwissu 2019, il-Familji Vella u Schembri, irregalaw sett ta' 6 siġġijiet tal-injam, partijiet minnhom miksija b'bellus aħmar, biex jintużaw fuq il-presbiterju għal xi konċelebrazzjonijiet.

**Sigurtà**
Dan l-aspett importanti wkoll ġie eżaminat u ttieħdu miżuri ta' prevenzjoni dovuta billi saret il-manutenzjoni fuq *fire extinguisher* u nxtara wieħed ġdid mingħand *Pace Fire Prevention* ta' Ħal Qormi, bl-ispiża tkun ta' €38.50.

## AFFARIJIET LITURĠIĊI

**Blandun ġdid għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Għid**
Biex tiġi iffaċilitata l-mixegħla tal-Blandun matul żmien il-Għid kollu, inxtara Blandun ġdid tax-xama' pura mingħand *Betlehem Bazaar - Scerri Art Studio*. L-ispiża kienet ta' €160. ***(ritratt nru 1)***

**Damask *canavazzo d'oro* – Abjad – Ventartal, Purtiera, Sopraleġiju, Kanipew u Pjaneta**
Inxtara drapp *canavazzo d'oro* ta' kulur abjad mal-gallun u l-frenza għalih mingħand *Betlehem Bazaar - Scerri Art Studio* biex minnu nħietu ventartal, purtiera għat-tabernaklu, sopraleġiju għal-Leġiju tas-sedja taċ-ċelebrant, kanipew, u pjaneta sabiex jintużaw fi żmien il-Milied u l-Għid, u f'San Pawl ta' Jannar, u uħud minn dan l-apparat anke għal Awwissu. Is-Sinjura Tessie Magri ħadet ħsieb il-ħjata waqt li s-Sur Anthony Abdilla ħa ħsieb jaħdem il-qafas tal-injam tal-ventaltar. Il-

ventartal, il-purtiera għat-tabernaklu, u s-sopraleġiju għal-Leġiju żżanżnu għall-Milied 2018 filwaqt li l-kumplament, jiġifieri l-kanipew, iżżanżan f'San Pawl ta' Jannar. Jonqos tinħiet il-pjaneta. L-ispiża kienet ta' €1,750. ***(ritratt nru 2)***

**Damask *canavazzo d'oro* – Aħmar – Terħa tal-Artal Maġġur**
Is-Sur Josef Mifsud għoġbu jirregala drapp *canavazzo d'oro* aħmar biex jinħiet bħala sopratvalja biex tintuża fuq l-Altar Maġġur fil-festi prinċipali, u fuq l-Altar tal-Kor f'San Pawl ta' Awwissu. Iżżanżnet għall-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl ta' Jannar. Is-Sinjura Tessie Magri ħadet ħsieb il-ħjata senza interessi. L-ispiża kienet ta' €550. ***(ritratt nru 2)***

**Damask *canavazzo d'oro* – Aħmar – Kanipew, Ventartal, Purtiera (Ħadd il-Palm, Għid il-Ħamsin, l-Imnarja u l-Griżma tal-Isqof)**
Flimkien mad-drapp *canavazzo d'oro* ta' kulur abjad inxtara wkoll ieħor aħmar mal-gallun u l-frenza għalih mingħand *Betlehem Bazaar - Scerri Art Studio* biex minnu nħietu kanipew, ventartal, u purtiera għat-tabernaklu sabiex jintużaw f'Ħadd il-Palm, f'Għid il-Ħamsin, fl-Imnarja u fil-Griżma tal-Isqof. Is-Sinjura Tessie Magri ħadet ħsieb il-ħjata waqt li s-Sur Anthony Abdilla ħa ħsieb jaħdem il-qafas tal-injam tal-ventaltar. Kollox iżżanżan f'Ħadd il-Palm, ħlief għall-kanipew li żżanżan f'Pentekose. Għal darb'oħra s-Sinjura Tessie Magri ħadet ħsieb il-ħjata senza interessi. L-ispiża kienet ta' €1,500. ***(ritratt nru 3)***

**Mutur għaċ-Ċuqlajta**
Wara li s-sena li għaddiet iżżanżnet mill-ġdid iċ-Ċuqlajta, din is-sena setgħet tindaqq f'postha u ddur permezz ta' mutur li jinxtegħel kemm mill-kamra ta' taħt il-kampnar u kemm minn isfel. Il-ħadid flimkien mal-mutur li jdawwarha nħadmu mis-Sur Twanny Polidano waqt li s-Sur Paul Busuttil ħa ħsieb jgħaddi l-*wires* meħtieġa.

**Restawr u l-Konservazzjoni tal-Ġilandra li tintrama fuq l-Altar Maġġur fi żmien il-Milied**
Lejn l-aħħar ta' Marzu, l-*Atelier del Restauro* beda proċess ta' restawr u konservazzjoni fuq il-Ġilandra li normalment tintrama fuq l-Altar Maġġur fi żmien il-Milied u li fiha joqgħod il-Bambin Ġesù. L-ispiża għal dan ir-restawr li għandu jiġi fi tmiemu proprju f'Diċembru 2019, għal żmien il-Milied, għandha tkun ta' madrwar €3,850. ***(ritratt nru 4)***

**Irtokk tal-Induratura ta' 3 Settijiet ta' Gandlieri tal-Injam tas-Sekondi Festi**
Fuq inizjattiva tas-Sur Josef Mifsud, bejn Jannar u Lulju 2019, is-Sur Joseph Gatt mill-Birgu rtokka 3 settijiet gandlieri ndurati li jintramaw fis-sekondi festi fuq l-altar maġġur. Ix-xogħol sar b'mod volontarju. ***(ritratt nru 1)***

## IL-KAPPELLA TA' SANTA MARIJA

**Tiswija ta' xi ġebel li kien nieqes mill-koxxa tal-Bieb prinċipali**
Lejn l-aħħar ta' Awwissu 2018, is-Sur Pawlu Busuttil (il-Fokli) flimkien mas-Sur Paul Busuttil, irranġa tliet ġebliet li kienu nieqsa mill-koxxa tal-bieb prinċipali tal-kappella. Ix-xogħol sar b'mod volontarju.

**Tindif u Arġentatura ġdida ta' Lampier għall-Kappella ta' Santa Marija għal żmien il-Festa**
F'Jannar 2018, Josef Mifsud ħa ħsieb jagħmel kuntatti biex lampier antik li ma kienx qed jintuża jingħata lill-Parroċċa sabiex jibda jintuża għall-Kappella ta' Santa Marija fi żmien il-Festa. Is-Sur Twanny Zammit ta' Ħal Qormi ġie mqabbad jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuqu u jibbanjah bin-*nickel*, liema xogħol tlesta lejn il-bidu ta' Frar. L-ispiża kienet ta' €150. Josef Mifsud ħa ħsieb jipprovdi globu adatt għalih. ***(ritratt nru 6)***

## ID-DAR PARROKKJALI

**Tibdil tal-bozoz tal-Linfa tal-Kċina**
Għal Mejju 2019 ġew mibdula l-bozoz tal-linfa tal-kċina fejn saru LED biex hekk niffrankaw ukoll ftit mill-konsum tal-elettriku. Dawn inxtraw mingħand it-*Tower Ironmongery* taż-Żurrieq u l-ispiża tagħhom telgħet għal €14.

## IĊ-ĊENTRU PARROKKJALI

**Xogħol mid-Direttorat tar-Restawr li wettaq intervent fuq il-Faċċata**
F'Settembru 2018 inbeda x-xogħol ta' restawr u konservazzjoni fuq il-faċċata taċ-Ċentru Parrokkjali, li jinsab f'Misraħ San Ġużepp. Il-proġett, li kien possibbli permezz tal-iskema ta' Proġetti ta' Restawr ta' Postijiet Storiċi, tmexxa mill-Perit Audrey-Anne Bonnici u sar f'sitt xhur mill-ħaddiema tad-Dipartiment tar-Restawr. Tneħħew ukoll xi *cables* tal-Enemalta kif ukoll tal-GO plc li kienu mal-faċċata, u ġew mgħoddija taħt l-art. Nhar it-Tnejn 18 ta' Marzu 2019 ingħatat Konferenza tal-Aħbarijiet mill-Ministru Owen Bonnici u fiha ntqal li l-gvern se jidħol ukoll għat-tqaxxir, tiswija u żbigħ mill-ġdid tal-aperturi ta' din il-faċċata, waqt li tieqa minnhom, li kienet tal-aluminju, inbidlet f'waħda tal-injam sabiex tiġi taqbel mal-kumplament u saret mis-Sur Anthony Abdilla. Dan ix-xogħol fuq l-aperturi esterni tlesta nhar it-Tnejn 27 ta' Mejju 2019. ***(ritratt nru 5)***

**Xogħol mid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika biex isir tindif fl-intern**
Wara nġiebet *skip* mill-Parroċċa għal ħabta tal-bidu ta' April biex jitnaddaf iċ-Ċentru Parrokkjaliu u għaldaqstant jintremew diversi affarijiet inutli fiċ-Ċentru, kien ikkuntattjat il-*Cleansing Department* biex jgħin fit-tindif taċ-Ċentru.

1



2





3





Għaldaqstant, lejn l-aħħar ta' Mejju u l-bidu ta' Ġunju 2019 diversi ħaddiema ġew u wara li ġarrew diversi affarijiet oħra sabiex jintremew bħal ħmieġ, ġablo, injam ħażin, eċċ., qatgħu l-ħaxix ħażin li jikber fuq il-palk u l-bitħa interna, u sar xogħol ta' *patching* tal-konkos tal-bitħa. Ħajr lill-Ministru Owen Bonnici ta' kull appoġġ.

## IL-MUSEUM L-ANTIK

**Trattattivi ta' Ftehim mal-Gvern dwar Kiri tal-Proprjetà**

Matul din is-sena komplew isiru diversi laqgħat sabiex il-post magħruf bħala l-MUSEUM l-antik f'Ħal Safi, u li hu proprjetà tal-Parroċċa ta' Ħal Safi, ikun jista' jinkera lill-Gvern biex jirranġah, jattrezzah, u jibda jipprovdi servizz bħala *Dementia Centre* u *Night Shelter*. Minn April sa issa qed jitħejjew aktar rapporti u pjanti dettaljati biex il-ftehim finali jkun jista' jseħħ.

## IĊ-ĊIMITERJU

**Tiswija u bdil tal-bozoz tal-fanali fuq l-oqbra, u dawk tal-faċċata tal-Kappella**

F'Novembru, il-Kappillan flimkien mas-Sur Paul Busuttil għal darb'oħra ħadu ħsieb it-tiswija u l-bdil tal-bozoz tal-fanali fuq l-oqbra. Inbidlu wkoll xi viti tal-ilma għax bl-użu bdew jitilqu.

## IL-PROĠETTI PRINĊIPALI

**Ritratti Uffiċjali tal-Istatwa Titulari ta' San Pawl u l-Pedestall armati fuq il-Bradella u l-Bankun**

Hekk kif issa tlesta r-restawr kollu relatat mal-Istatwa Titulari ta' San Pawl, inkluż il-pedestall, il-bradella u l-bankun, ħsibna biex għall-okkażjoni tal-175 sena ta' din ix-xbieha hekk għażiża f'Ħal Safi, nieħdu diversi ritratti professjonali u uffiċjali bil-għan li jkollna dokumentazzjoni adekwata u apprezzament xieraq għas-sbuħija oriġinali li din l-istatwa qed tgawdi. Is-Sur Alexis Callus ħa ħsieb jikkordina dan il-proġett fejn wara li kkonsultajna lill-*Atelier del Restauro* biex jagħtuna l-pariri tagħhom, ikkuntattja lil Joseph Borg ta' *Prolab Digital and Film Processing* tal-Imrieħel, biex iwettaq il-ħidma relatata mal-fotografija. Fl-għodwa tal-ewwel jum tat-Tridu tal-Festa 2018, is-Sur Borg ġie l-knisja u għal 8 siegħat sħaħ ħa diversi ritratti biex ikun jista' jagħtina l-prodott mixtieq. L-ispiża totali kienet ta' €944. Sadanittant, bħala Parroċċa applikajna mal-*Arts Council Malta (ACM)* biex ningħataw fondi ħalli niffinanzjaw dan il-proġett, liema talba ntlaqgħet u ġejna mogħtija €500.

**Bankun ġdid tal-Furċini għall-Istatwa titulari ta' San Pawl li jikkumplimenta l-Bradella u l-Bankun**

Ħsibna li għall-175 sena tax-xbieha ta' San Pawl fostna, inkomplu nsebbħu lil din

ix-xbieha għażiża b'bankun ġdid tal-forċini li jiġi jikkumplimenta lill-bradella u l-bankun tal-istatwa ferm għal qalbna. Ġie mqabbad is-Sur Silvio Pace ta' Ħal Qormi biex jagħtina disinn xieraq fuq il-linji ta' Emanuel Buhagiar, liema disinn kien għandna sal-festa tas-sena li għaddiet u sar senza interessi. Is-Sur Anthony Abdilla ħa ħsieb ifassal u jaħdem flimkien ma' ibnu Edwin il-qafas tal-injam tal-ġewż tal-bankun, liema qafas kien ippreżentat fil-Festa Liturġika ta' San Pawl, nhar il-25 ta' Jannar 2019. Il-materjal flimkien max-xogħol saru b'mod volontarju. Is-Sur Mario Mangion ta' Ħal Qormi kien ikkummissjonat biex jaħdem l-iskultura, liema xogħol, li ġie jiswa €1,100, wettqu bejn l-aħħar ġimgħa ta' Mejju u Ġunju 2019. Is-Sur Mario Vella ta' Raħal Ġdid reġa' ġie avviċinat, kemm biex jaħdem l-interzjar u l-panewijiet tal-ebbanu kif ukoll biex jieħu ħsieb il-lostru bit-tajjara, xogħol li sar bejn il-bidu ta' Lulju u dak ta' Awwissu 2019, bl-ispiża tkun ta' €2,600. L-ispiża totali kienet ta' €3,700. Din l-opra, jekk Alla jrid, nibdew ingawduha mill-Festa ta' din is-sena. ***(ritratti f'paġna 35)***

**Tiswija u induratura ta' 5 Settijiet ta' Gandlieri ta' kuljum**

Lejn Ras ir-Randan, l-Erbgħa 6 ta' Marzu 2019, is-Sur Joseph Gatt mill-Birgu tana lura sett gandlieri, indurat mill-ġdid, u li ntrama fuq l-altar ta' San Pietru, bl-ispiża tkun ta' €3,850. ***(ritratt nru 7)***

**Tibdil tal-*Fittings* tad-Dawl li jdawlu l-Lat Intern tal-Knisja**

Wara li f'Marzu nġabru diversi stimi u saru diversi provi li ġew evalwati, rajna li l-proposta li għamlu *Lighting Illuminations Ltd,* li kienet tinkludi ukoll l-installazzjoni, kienet waħda pjuttost tajba. Għalhekk minn nhar l-Erbgħa 31 ta' Lulju 2019, bdew jinbidlu r-rifletturi l-antiki mal-*fittings* u r-rifletturi ġodda (ta' 20W) li apparti li jdawlu l-art bdew idawlu l-pitturi tal-altari kif jixraq. Permezz tagħhom se nkunu qed niffrankaw ħafna mill-konsum tal-elettriku. L-ispiża totali, materjal u installazzjoni, kienet ta' €4,000. Ħajr imur lil Gino u Mario Zammit ta' *Lighting Illuminations Ltd* ta' Ħal Qormi, li b'galbu u sengħa ppjanaw u wettqu dan ix-xogħol. ***(ritratt nru 8)***

Kif stajtu tintebħu minn din il-kitba u minn xi ritratti annessi, għal darb'oħra din is-sena reġgħet kienet waħda impenjattiva f'dan il-qasam. Dejjem ikun jonqos u jekk Alla jrid u bil-ġenerożità tagħkom inkunu nistgħu nibqgħu mexjin f'dawn l-oqsma importanti wkoll fil-ħajja tal-parroċċa tagħna.

**Grazzi ħafna lill-voluntieri u lill-benefatturi kollha li minn qalbhom,**
**ħafna drabi fis-skiet, imma b'ferħ u ġenerożità**
**jagħtu mill-ħin u minn saħħithom,**
**Mit-talenti u l-ħiliet, u mill-flus tagħhom**
**biex nagħtu ġieħ lil Alla u nqimu lil San Pawl**
**f'post hekk xieraq u għażiż!**

4



5




6


8


7

# Rendikont Festa San Pawl 2018

| **Dħul** | |
|---|---|
| Arbural | € 7,460.00 |
| Ġbir fil-Knisja | € 4,644.00 |
| Reklami għall-Fuljett | € 1,384.00 |
| **Donazzjoni minn żewġ familji għall-Mużika tal-Festa:** | |
| Lejlet | € 300.00 |
| Festa | € 700.00 |
| **Total** | **€ 14,488.00** |

| **Ħruġ** | |
|---|---|
| Servizzi Liturġiċi | € 400.00 |
| Orkestra tat-Tridu | € 676.00 |
| Orkestra Lejliet il-Festa | € 1002.00 |
| Orkestra tal-Festa San Pawl (25 ta' Jannar) | € 332.00 |
| Daqq tal-Qniepen | € 160.00 |
| Security | € 100.00 |
| Elettriku - Xiri ta' Bozoz LED | € 1,739.32 |
| Elettriku - Arloġġi (Temporanji) u Konsum | € 1,130.00 |
| Printing tal-Ktieb tal-Festa | € 945.00 |
| Donazzjoni lill-Każin tal-Banda San Pawl | € 3,250.00 |
| Sagristan, pedaġġi, trattamenti | € 839.10 |
| Bibien Esterni tal-Knisja: Xkatlar u Verniċ | € 335.00 |
| Restawr u tiswijiet: Gandlieri (x 14) | € 2600.00 |
| Ironmongery minħabba xi manutenzjoni | € 30.00 |
| **Total** | **€ 13,488.42** |
| **Bilanċ** | **€ 949.58** |

**Ħajr:**

- lil min ta kontribuzzjoni biex kellna festa li tixraq lil San Pawl
- lill-Banda San Pawl li tgħin bil-kbir biex tferraħ lill-komunità
- lil dawk li volontarjament jieħdu ħsieb l-armar u t-tindif tal-knisja u barra xogħol li jsir volontarjament
- lil dawk li ħadu ħsieb il-ktieb tal-festa
- lil 2 familji, għad-donazzjoni tagħhom għall-mużika ta' lejlet u ta' nhar il-festa

**X'nixtiequ iktar:**

- li ma tħallux l-envelopes d-dar
- li żżidu l-kontribuzzjoni
- benefatturi oħra li jħallsu l-mużika tal-Festa, speċjalment tat-Tridijiet tal-Festa






## Skannel prezzjuż f'Ħal Safi li gawdewh tlett knejjes dedikati lil San Pawl

*Mons. Ġwann Azzopardi*

L-altar tal-Kor tal-parroċċa ta' Ħal Safi hu magħmul minn żewġ partijiet: għandu *mensa* tal-ġebel irħamat u fuqha skannell tal-injam dekorat li fih tabernaklu ċkejken, u fuq l-istess tabernaklu hemm relikwarju akbar forma ta' ġilandra.

Qabel ma nagħtu fil-qosor l-istorja ta' dan l-iskannel prezzjuż u rari, aktarx l-uniku li għad fadal bħalu f'pajjiżna, jaqbel infissru ż-żewġ komponenti ta' bosta mill-altari tal-knejjes tagħna.

Sidna Ġesù Kristu waqqaf l-Ewkaristija madwar mejda u qalilhom jagħmlu dan b'tifkira tiegħu. L-Ewkaristija tiġi dejjem ċċelebrata madwar mejda, u tista' tkun tal-injam, ġebel, irħam, eċċ. Din il-mejda, fil-lingwaġġ liturġiku tissejjaħ *mensa*.

Tul il-medda tas-snin il-*mensa* tal-altar beda jiżdidilha skannel li fuqu jitpoġġew gandlieri, fjuri, statwetti tal-appostli jew anġli, qaddisin, eċċ.



L-iskannel u l-*mensa* jistgħu jkunu maħduma biċċa waħda fl-injam, ġebel jew irħam, iżda inizzjalment kienu jkunu magħmulin minn materjali differenti, per eżempju *mensa* tal-ġebel u skannel tal-injam, bħalma hu l-altar tal-Kor ta' Ħal Safi, u dan għax aktarx li jkunu saru fi żminijiet differenti.

Wara l-Konċilju Vatikan II, sar obbligatorju li quddiem l-altar maġġur jibda jintuża altar ġdid f'forma ta' mejda, bla ebda skannell, biex il-qassis iqaddes wiċċu lejn in-nies.


Milia's
pharmacy
Pharmacy is OPEN ALL DAY
Monday - Friday: 7:30am - 9:00pm Saturday: 7:30am - 7:00pm
42, Vjal il-Blue Grotto, Zurrieq
t: +356 21689971 • m: +356 77079508
w: milias.com.mt • e: pharmacyzurrieq@milias.com.mt

**Fil-Katidral ta' San Pawl fl-Imdina**
Wara t-terremot tal-1693, inbena l-katidral barokk li għandna llum mill-arkitett Lorenza Gafà. Il-Knisja tlestiet u ġiet kkonsagrata fit-8 ta' Ottubru 1702. Fl-istess altar tal-konsagrazzjoni tpoġġew relikwi tal-qaddisin. L-ewwel prijorità tal-Knisja u tal-Isqfijiet kienet dejjem l-Ewkaristija kif ukoll ir-relikwi tal-qaddisin. u infatti dan juruh sewwa l-Viżti Pastorali, li fihom għandna dokumentat sewwa kif l-Isqfijiet kienu dejjem jaraw kif inhi miżmuma l-Ewkaristija u mbagħad ir-relikwi mqaddsa.

Naturalment riedu jgħaddu ħafna snin biex il-Katidral jiġi dekorat u arrikkit bl-irħamijiet u l-opri tal-arti li għandu llum.

Fortunatament, minkejja t-terremot, kienet salvata l-*mensa* tal-irħam abjad tal-binja l-qadima, jiġifieri dik li kienet ikkonsagrata mill-Isqof Malti Baldassare Cagliares. Iżda kellhom jgħaddu 20 sena biex fuq il-*mensa* jsirilha dak l-iskannel sabiħ tar-rħam blu (lapislazzuli) li naraw illum. Din kienet l-ewwel opra tal-irħam, u kif jixhdu l-atti notarili tan-Nutar Mario Attard, ġiet iffinanzjata mill-Kanonku Giovanni Francesco Mangion.

F'dan l-intervall il-kapitlu kien ordna minnufih skannell tal-injam irħamat b'tabernaklu ċkejken u fuq dan it-tabernaklu struttura akbar forma ta' tabernaklu qisu Ġilandra għar-Relikwi. Jidher li dan l-iskannell baqa' jintuża fil-Katidral għall-qima tad-devoti għal ftit aktar minn għoxrin sena meta ġie sostitwit mill-iskannell tal-irħam li hemm illum.

**Fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl fir-Rabat**
Sadattant l-Isqof Fra Gaspare Gori Mancini ddeċieda li jikkonsagra l-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl fir-Rabat nhar il-21 ta' Settembru 1726. Din kellha altar tal-ġebel iżda għall-konsagrazzjoni kien meħtieġ altar, għall-inqas *mensa* fissa, tal-irħam. Bl-għajnuna finanzjara tal-famija Azzopardi, ġiet ordnata *mensa* tar-rħam li nħadmet mill-marmista Gregorio Durante. Għal fuq din il-*mensa* inġab mill-Katidral l-iskannel tal-injam irħamat li ma kienx baqa jintuża. Dan kellu jdum hemm sakemm ir-Rabtin isibu l-mezzi biex ilestu skannell ġdid tal-irħam għal dik il-*mensa*.

Għaddew madwar għoxrin sena meta fis-sena 1747, sar kuntratt mal-marmista Saverio Camilleri biex fi żmien sena jlesti skannell sabiħ bi rħam rikk, mudellat fuq dak tas-sorijiet Benedittini tal-Imdina li jissostitwixxi dak tal-injam. Wara li tlesta l-altar sħiħ tal-irħam, l-iskannell tal-injam irħamat ma baqax jintuża aktar.
L-istess altar tar-rħam baqa' jintuża bħala l-altar maġġur sas-sena 1884, meta

mbagħad inqala' minn hemm u tpoġġa fil-Kappellun ta' San Stiefnu għax ġie sostitwit minn altar akbar ta' rħam abjad, regalat minn Mons. Salvatore Manduca, biex jakkomoda s-sett ta' gandelabri tal-bronż indurat u l-Ġilandra tal-fidda li tintrama fil-Festa ta' Corpus.

**Fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl f'Ħal Safi**

L-istoriku Pawlu Callus, fil-ktieb tiegħu 'Ħal Safi' jgħid li fis-snin 1744-1745, fil-kor tal-Knisja ta' Ħal Safi inbena altar tal-ġebel u saru l-prospettivi ta' llum bl-iskultura tal-Imgħallem Pietru Saliba. Dwar l-altar maġġur jgħid li dak tallum sar fl-1794, iżda qablu kien hemm l-altar tal-Knisja l-qadima.

Sas-sena 1748 l-iskannel tal-Katidral kien ghadu jintuża fir-Rabat. Irridu naħsbu li ma damx ma jingħata lill-Knisja ta' Ħal Safi biex jitqiegħed fuq il-*mensa* tal-ġebel tal-kor u fuqu jitpoġġew ir-Relikwi. Fis-sena 1774 l-Isqof Giovanni Carmine Pellerano fil-Viżta Pastorali tiegħu, ordni li fl-altar tal-Kor għandu jitpoġġa tabernaklu-relikwarju li fih jinżammu ir-Relikwi. Għaldaqstant, dan jagħtina x'naħsbu li kien f'dawk is-snin li nġieb ġo Ħal Safi l-iskannel li ma baqax jintuża fir-Rabat.

Illum il-ġurnata, f'dan l-iskannel bit-tabernaklu-relikwarju - li kien ġie restawrat mis-sur Omar Camilleri fis-sena 2010 - tinżamm ir-relikwa l-qadima ta' San Pawl, li r-relikwarju tagħha wkoll ġie restawrat mill-*Atelier del Restauro* f'Marzu 2017.

Mons. Edgar Vella, fil-ktieb tiegħu *'Treasures of Faith. Relics and Reliquaries in Malta 1600-1798'*, jagħti deskrizzjoni sabiħa ta' dan l-iskannel, b'dawn il-kelmiet: *"Another remarkable Tabernacle-Reliquary is found in the parish church of Safi. The double stepped parcel gilt scannello is engraved with stylized leaves in gold on a dark green painted background. In the middle of the scannello there is a small Eucharistic tabernacle flanked by two shaped frames with low relief panels showing flowers and leaves. On the top of he said tabernacle there is yet another bigger tabernacle reliquary with a shaped door protected with a wrought iron grid."*

Koinċidenza sabiħa hi li t-tlett knejjes li mexa fihom dan l-iskannell kienu t-tlieta li huma ddedikati lill-Appostlu Missierna San Pawl!





# CAR WASH

- Car Servicing
- Wheel Balancing
- Car Accessories
- Crash Helmets
- Puncture Repairs
- Car Batteries
- Oils & Filters
- Mountain Bikes
- Power Tools
- Free Balancing with Alloy Wheels
- Car Batteries with 3 Years Guarantee

*Jawgura l-Festa t-tajba lill-Ħalsafin kollha.*

# Dr Anthony Gauci

*jawgura l-Festa t-tajba*
*lill-Ħalsafin kollha.*
*Infakkarkom li qed inservi*
*fil-klinika tad-dar tiegħi*

Grazzi

**'Ċettina House'**
**4, Żurrieq Road, Safi**

**Tel. No: 21641277**
**Mob: 99496111**


Ghal kull xoghol
ta' custom framing, canvas
u stampar ta' ritratti kbar u zghar
VANCELL PHOTOGRAPHY
St Bartolomeo Street, Zurrieq (hdejn il-BOV).
21 641 283 - 7904 6831


CARABOTT
Jewellers
For Crystal, Gold
& Silver items
Dun Ġużepp Zammit Street, Żurrieq - Malta
Tel: 2168 0760






## 175 sena mill-Istatwa Titluari ta' San Pawl fostna - Infakkru u Nsebbħu -

*Kan. David Farrugia - Kappillan*

Paul Callus, fil-ktieb tiegħu 'Ħal Safi' paġna 109 jistqarr li: *"... Diversi parroċċi kienu komplew isebbħu l-festi tagħhom bl-introduzzjoni tal-istatwa titulari. Ħal Safi ma qagħadx lura. L-istatwa ta' San Pawl maħduma b'sengħa mill-iskultur Żejtuni Xandru Farugia, ħarġet għall-ewwel darba fl-1840."* F'paġna 85 jgħid ukoll li: *"... il-Vigarju Kurat Dun Indrì Camilleri. Qabel ċeda postu ħa sehem fl-ewwel purċissjoni bil-vara li żżanżnet fil-festa tal-1840."* L-informazzjoni dwar id-data kienet ibbażata fuq dak li kiteb l-istoriku Dun Ġużepp Micallef fil-ktieb tiegħu 'L-Istorja ta' Ħal Safi' pp. 74-75.

Biss, meta bdejna l-proċess tar-restawr tal-Istatwa fl-2015 bil-ħsieb li tkun lesta għall-anniversarju tal-175 sena f'Ħal Safi, Paul Callus stess kien irrimarkali li aktarx din l-informazzjoni kienet żbaljata u f'artiklu li kien kiteb għall-Programm *Każin Banda San Pawl Ħal Safi - Festa 2013* li jinsab f'paġni 51-55 u hu intitolat: *'Aġġornament: L-istatwa ta' San Pawl'*, hu jagħmel referenza għal Att Notarili tan-Nutar Massimiliano Troisi Menville miż-Żejtun li kien iltaqa' miegħu waqt xi riċerka, liema Att jixhed għall-ftehim li kien sar bejn Alessandru Farrugia skultur u Giovanni Caruana, Kappillan ta' Ħal Safi, fost oħrajn, nhar l-4 ta' Ottubru,1842 dwar it-twettiq tal-Istatwa ta' San Pawl għal Ħal Safi.

Tlabtu jagħmel aktar riċerka, u ftit wara Pawlu reġa' ġie jinfurmani li issa kien sab id-dokument b'mod aktar leġġibbli fl-Arkivju Notarili ta' Triq San Kristofru tal-Belt Valletta, u flimkien miegħu sab leġġibbli wkoll l-Att Notarili tan-Nutar Felice Camenzuli, ta' nhar is-16 ta' Novembru, 1843 li jivverifika li kien qed iseħħ l-aħħar pagament għax-xbieha ta' San Pawl Jippriedka. L-opra msemmija, iċċertifikata minn esperti, hekk kif stipluat fl-Att Notarili tan-Nutar Massimiliano Troisi Menville, fol. 467v, kellha tkun *"lesta minn kollox sa nhar il-25 ta' Novembru 1843."* U hekk jidher li l-ewwel purċissjoni bil-vara kienet fil-festa tal-1844, eżattament nhar il-25 ta' Jannar 1844, fi żmien il-Kappillan Dun Ġwann Caruana, li kien mis-Siġġiewi, u mhux fl-1840.

B'hekk, b'din id-dokumentazzjoni tal-oriġini tal-Istatwa Titulari ta' San Pawl għal Ħal Safi issa pjuttost ċara, ħsibt li għal dan l-anniversarju li ġie jaħbat din is-sena, ikun xieraq li niċċelebrawh b'dan il-mod:

**Pellegrinaġġ u Quddiesa fil-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt Valletta:**

**- L-Erbgħa 23 ta' Jannar 2019**

Fl-Att Notarili tan-Nutar Massimiliano Troisi Menville miż-Żejtun hemm imsemmi li *"l-Imgħallem skultur Alessandru Farrugia, iben Ġużeppi miż-Żejtun, ... (fol. 466r) iwiegħed, u solennement qed jintrabat versu l-Illustrissimu u Wisq Reverendu Sinjur Dun Ġwann Caruana, kappillan ta' Ħal Safi, u wkoll versu Mikiel'Anġ Abdilla, iben Franġisk, mill-imsemmi Ħal Safi, prokuratur tal-fondazzjoni mwaqqfa fl-istess knisja mill-kappillan il-mejjet Dun Franġisk Bugeja, ... li għandu jonqox, għall-użu tal-imsemmija Knisja Parrokkjali,* ***ix-xbieha ta' San Pawl Jippriedka*** *f'injam tal-Punent tal-ogħla kwalità, flimkien mal-pedestall tiegħu, bradella, lasti u erba' forċini, biex jinġarr f'purċissjoni,* ***l-istess u (fol. 466v) uniformi għal dak li jinsab fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Appostlu tal-Belt Valletta****."*

Għaldaqstant kien xieraq li l-ewwel attivitjiet ikunu marbuta mal-Festa Liturġika tal-Konverżjoni tal-qaddis tagħna, f'Jannar, u nibdewhom proprju fil-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt Valletta biex hemmhekk inġeddu din ir-rabta speċjali msemmija fil-kuntratt. Għalhekk, l-Erbgħa 23 ta' Jannar 2019, kienu diversi l-parruċċani li laqgħu l-istedina u, flimkien mal-Kor 'Sine Macula' li anima ċ-ċelebrazzjoni, morna l-Belt Valletta, eżattament lejn il-Kolleġġjata ta' San Pawl, biex nagħmlu quddiesa hemm u nsellmu wkoll ix-xbieha ta' San Pawl, maħduma mill-Gafà, armata fuq il-bradella u l-bankun. Konna numru mdaqqas u bdejna ċ-ċelebrazzjoni bil-kant tal-Innu taċ-Ċentinarju Pawlin minn fejn il-fonti tal-ilma mbierek biex niftakru li l-miġja ta' San Pawl f'pajjiżna ma uritniex biss il-qilla tal-ilmijiet, imma pjuttost laqqgħetna mal-għajn tas-salvazzjoni u hekk sawwabna l-ilma fuq rasna biex niftakru fil-Magħmudija tagħna. B'waqfa quddiem l-istatwa ta' San Pawl ftakarna fid-dawl ta' Kristu u għalhekk id-dawl tal-fidi li bih, b'tant ħeġġa, kien imżejjen dan il-qaddis tagħna u li bħalu aħna msejħin biex inħalluh jiddi f'ħajjitna. Fuq l-altar, fejn kien hemm anke r-relikwa tad-driegħ ta' San Pawl, tajna bidu għall-Ewkarsitija, is-saħħa u l-ġid ġenwin għall-għixien ta' kull Nisrani. Lejn tmiem il-quddiesa l-Kappillan ippreżenta b'mod uffiċjali billi qara l-Atti Notarili marbuta mal-kummissjoni tal-istatwa ta' San Pawl ta' Ħal Safi mnaqqxa miż-Żejtuni Alessandru Farrugia, liema atti ġew maqluba mit-Taljan għall-Malti. Min kien preżenti seta' jsegwi permezz tal-fuljetti li tqassmu apposta. Imbagħad, f'isem il-Parroċċa, il-Kappillan ippreżenta kwadru tal-Istatwa ta' San Pawl ta' Ħal Safi lill-Arċipriet tal-Kolleġġjata, il-Kan. Vincent Borg, fejn waqt li rringrazzja, irreċiproka u qassam santi b'tifkira. Fl-aħħar, waqt l-Innijiet Popolari lil San Pawl kemm ta' Ħal Safi kif ukoll tal-Belt, u li aħna l-Ħalsafin tant inkantaw mill-qalb, kellna l-bews tar-relikwa u ħadna ritratti tal-okkażjoni.

**Quddiesa ta' Jum il-Festa Liturġika, ippreseduta mill-Arċipriet taż-Żejtun:**

**- Il-Ġimgħa 25 ta' Jannar 2019**

Nhar il-Jum tal-Festa Liturġika tal-Konverżjoni ta' San Pawl iċċelebrajna kif xieraq b'quddiesa animata mill-orkestra u l-kant tal-Kor 'Sine Macula', ippreseduta minn Dun Nikol Pace, Arċipriet tal-Parroċċa taż-Żejtun - minn fejn kien l-iskultur Xandru Farrugia - u ex-Kappillan ta' Ħal Safi (1995-2000). Lejn tmiem din il-quddiesa, il-Kappillan ippreżenta lil Dun Nikol b'inkwatru tal-Istatwa ta' San Pawl ta' Ħal Safi f'isem il-Parroċċa. Il-Kappillan ippreżenta wkoll lill-Ħalsafin il-qafas tal-Bankun ġdid tal-Furċini magħmul mill-injam tal-ġewż għall-Istatwa ta' San Pawl, u spjega kif ser ikompli mixi dan il-proġett.

**Bejgħ ta' Inkwatri li juru l-istatwa titulari ta' San Pawl irrestawrata, inkluż il-pedestall, il-bradella u l-bankun.**

Fuq inizjattiva tas-Sur Alexis Callus u wara li kkonsultajna lill-*Atelier del Restauro* biex jagħtuna l-pariri tagħhom, ġie mqabbad is-Joseph Borg ta' *Prolab Digital and Film Processing* tal-Imrieħel, biex iwettaq il-ħidma relatata mal-fotografija u produzzjoni ta' inkwatri li juru l-istatwa titulari ta' San Pawl irrestawrata, inkluż il-pedestall, il-bradella u l-bankun, irrestawrati wkoll.

**Quddiesa li fiha se jiġi ppreżentat u inawgurat il-Bankun il-ġdid tal-Furċini**

**- It-Tnejn 19 t'Awwissu 2019**

Wara quddiesa li tagħti bidu għall-ġimgħa tal-festa 2019, se jiġi ppreżentat u inawgurat il-Bankun il-ġdid tal-Furċini tal-Istatwa ta' San Pawl, mogħti bħala rigal mill-Ħalsafin sabiex ifakkar il-175 sena mill-miġja tal-istatwa fostna. Dan kien iddisinjat mis-Sur Silvio Pace ta' Ħal Qormi b'xebħ mal-bradella u l-bankun iddisinjati u maħdumin minn Emanuele Buhagiar (1876-1962), liema artist kien l-awtur tal-pedestall preżenti li fuqu tistrieħ l-istatwa ta' San Pawl. Id-disinn kien ġie ippreżentat mill-Kappillan fid-diskors tal-għeluq tal-festa tas-sena li għaddiet (2018). Il-qafas tal-injam tal-ġewż tfassal u nħadem mis-Sur Anthony Abdilla flimkien ma' ibnu Edwin bejn Novembru 2018 u Jannar 2019. Filwaqt li l-iskultura tnaqqxet mis-Sur Mario Mangion ta' Ħal Qormi f'Ġunju 2019, kemm l-ebbanu - injam ta' lewn iswed - kemm l-interzjar u kemm il-lostru, ġew fdati f'idejn *Mario Vella Restoration* ta' Raħal Ġdid, li kien ħa ħsieb il-lostru tal-bradella u l-bankun tal-istatwa fir-restawr li sarilhom bejn Settembru u Novembru 2016. Hu ħadem fuqhom bejn il-bidu ta' Lulju u l-bidu ta' Awwissu 2019, sabiex b'hekk mill-bidu tal-ġimgħa tal-festa, din l-opra wkoll tibda titgawda mill-Festa u tibqa' tagħti xhieda tal-imħabba tagħna lejn San Pawl u x-xbieha tiegħu tant għażiża għalina.

**Nistedinkom għalhekk li tkomplu tagħtu sehemkom ħalli lil dak li tant ngħożżu, nibqgħu naraw li nibżgħu għalih u naraw kif nagħmlu biex insebbħuh!**


pasteur
PHARMACY
a: Triq it-Tellerit, Safi. SFI 1621
e: pasteur@onvol.net | t: 21/27689944
opening hours:
8.00am to 1.00pm | 4.00pm to 8.00pm
Follow us on
Facebook
www.fb.com/pasteurpharmacysafi

**Pellegrinaġġ għall-Kolleġġjata ta' San Pawl fil-Belt Valletta fl-okkażjoni tal-175 sena tal-istatwa titulari ta' San Pawl f'Ħal Safi - L-Erbgħa 23 ta' Jannar, 2019 -**









# Il-Bankun tal-Forċini - mill-antik għall-ġdid


















La Gatta
Couture





*We offer outfits for all occasions*
*and made-to-measure orders on all Collections.*
*We specialise in custom made and ready made*
*Bridal wear, Bridesmaids and Flowergirl dresses.*









**La Gatta,** Blue Grotto Avenue, Zurrieq
Tel: 21 641 417
E-mail: lagatta@onvol.net
Web: **www.lagattaboutique.com**

Find us on Facebook
**La Gatta Couture**


RAYMOND
ABDILLA
EXPORTER & IMPORTER
SEED AND WARE POTATOES
Qed naċċettaw ordnijiet għal dawn il-varjetajiet:
Arinda – Patata Bikrija li tinżera' f'Ottubru
Diamant – Ta' qatgħa safra
Għall-esportazzjoni
Santè – (bikrija)
Alpha
Agria
Arizona
Picasso
Alouette – (tal-qoxra ħamra)
Esmee – (tal-qoxra ħamra)
ARIZONA
VARJETÀ TA' QATGĦA BAJDA
LI TIFLAĦ GĦALL-MARD
BI PRODUZZJONI TA'
KWANTITÀ U KWALITÀ
Fertilizzant tal-aqwa kwalità
(blu) NPK 12+12+17+2+7
(isfar) Ammonium Nitrate 27%
(abjad) Ammonium Sulphate 21%
Organic Pellets
Urea
"Le Nid", Triq il-Kuċċard, Safi SFI 1615
Tel: 21436594 (Grading Station)
Mob: Raymond - 9949 7980,
Malcolm - 9944 9553, Joanna - 9983 0176
E-mail: abdilla.potatoes@gmail.com
AGRICO

# St. Paul's Dental Clinic

Dolmen Street, Safi

Tel: 27560272 Mob: 79092400



A new, state of the art dental practice offering high quality dental care for you and all your family. Apart from offering the latest cosmetic dental techniques and solutions we are proud to offer you everyday dental treatments in a relaxed and caring environment.

# Ċelebrazzjonijiet tal-Festa f'Ġieħ il-Konverżjoni ta' San Pawl 2019

L-Erbgħa 14 ta' Awwissu ***Jum l-Ewkaristija***

| | |
|---|---|
| 6:30 pm | Quddiesa fil-knisja ta' Santa Marija fejn wara jkollna ħin ta' adorazzjoni u tingħata l-Barka Sagramentali. *(Ma ssirx quddiesa fil-knisja parrokkjali).* |

Il-Ġimgħa 16 ta' Awwissu ***Jum it-Tifkira ta' Ħutna l-Mejtin***

| | |
|---|---|
| 6:30 pm | Quddiesa fiċ-ċimiterju biex niftakru f'ħutna mejtin. *(Ma ssirx quddiesa fil-knisja parrokkjali).* |
| 10:00 pm | Festa *Warm-Up Party Techno+*, organizzat mill-Kummissjoni Armar San Pawl Safi fil-Każin Banda San Pawl, Ħal Safi. |

Is-Sibt 17 ta' Awwissu

| | |
|---|---|
| 6:30 pm | Quddiesa għall-erwieħ ta' dawk li mietu fil-parroċċa mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn u għal ħutna mejtin li ħadmu għall-festa. |
| 8:30 pm | Lejla Ħalsafija fil-pjazza ta' Ħal Safi: *All Time Hits - The Concert*. Jieħdu sehem: The Spiteri Lucas Band flimkien mal-kantanti Chiara, Ivan Spiteri Lucas, Thea Aquilina, Cherise Attard u Kayley Cuschieri. Jippreżenta Joseph Barber Bonavia. Ikun hemm varjetà ta' ikel organizzat mis-Sotto-Kumitat tan-Nisa. |

Il-Ħadd 18 ta' Awwissu

| | |
|---|---|
| 8:50 am | Ċerimonja ta' tqegħid ta' kuruna quddiem ix-xbieha ta' San Pawl tal-ġebel f'Misraħ il-Knisja mill-President u l-membri tal-Każin Banda San Pawl flimkien mal-Kappillan. |
| 9:00 am | Quddiesa bis-sehem tal-membri tal-Każin Banda San Pawl u s-Sezzjonijiet kollha, b'radd il-ħajr tad-90 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà u tat-30 sena mit-twaqqif tal-Banda. Fi tmiem il-quddiesa lkoll flimkien mal-membri tal-Għaqda tan-Nar 'San Pawl', nitolbu biex il-Mulej, bl-interċessjoni ta' San Pawl, iħarishom minn kull periklu tar-ruħ u tal-ġisem matul din il-ġimgħa speċjali tal-festa. |
| 10:30 am | Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-Magħmudija. |
| 8:30 pm | *Pasta Night* organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini fil-Pjazza ta' Ħal Safi. Ikun hemm divertiment minn kantanti lokali. Mistieden speċjali Joe Demicoli. |

## Il-Ġimgħa tal-Festa

It-Tnejn 19 ta' Awwissu **JUM IL-ĦRUĠ TAL-VARA - *Jum is-Sejħa Nisranija***

6:30 pm Quddiesa mmexxija mill-Kan. Joseph Cilia, Kappillan ta' Ħal Lija, u ex-kappillan ta' din il-parroċċa (2006-2011), bis-sehem tas-Sorijiet Dumnikani, Sorijiet u Reliġjużi mill-parroċċa, u l-Abbatini, u li fiha ssir il-Preżentazzjoni tat-trabi lill-Appostlu missierna San Pawl. Fi tmiem il-quddiesa se jiġi ppreżentat u inawgurat il-Bankun il-ġdid tal-Furċini tal-Istatwa ta' San Pawl bħala rigal mogħti mill-Ħalsafin sabiex ifakkar il-175 sena mill-miġja tal-istatwa fostna.

7:30 pm Ħruġ tal-istatwa ta' San Pawl fuq iz-zuntier u tislima bl-Innu Popolari. Tieħu sehem il-Banda San Pawl ta' Ħal Safi li ddoqq l-Innijiet u wara tagħmel marċ ferrieħi li jibda mill-pjazza u jinżel għal Triq San Pawl, il-*Housing Estate* ta' ħdejn iċ-Ċimiterju, Ta' Rqajja' u jitla' minn Triq San Ġwann, imur fil-*Housing Estate* f'Ta' Amparell, jgħaddi minn Triq Tal-Ajżar, imur għal Triq Ħlantun, Triq Santa Marija, u jintemm fil-pjazza quddiem il-Każin Banda San Pawl.

It-Tlieta 20 ta' Awwissu ***Jum it-Tfal u ż-Żgħażagħ***

6:30 pm Quddiesa mill-Kappillan Kan. David Farrugia bis-sehem tat-tfal u u ż-żgħażagħ li jħobbu l-Festa. *(Min ġej iġib xemgħa miegħu.)*

7:30 pm Diversi tfal u żgħażagħ jimxu wara xbieha ta' San Pawl mill-Knisja Parrokkjali sal-Knisja ta' Santa Marija waqt il-kant tal-innijiet ta' San Pawl.

8:00 pm Logħob għat-tfal kollha tal-parroċċa f'Misraħ il-Knisja organizzat mill-Kummissjoni Żgħażagħ.

8:30 pm Fiera u BBQ organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini fil-pjazza b'risq il-festa.

L-Erbgħa 21 ta' Awwissu **L-EWWEL JUM TAT-TRIDU - *Jum ir-Rabta Pawlina***

9:15 am Quddiesa għall-membri tas-*Safi Day Centre* mill-Kappillan Kan. David Farrugia, fis-Sala Pietru Pawl Busuttil tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi.

6:30 pm Quddiesa kantata bis-sehem ta' dawk li joqogħdu f'toroq imsemmija jew b'rabta ma' San Pawl, dawk li ġew joqogħdu Ħal Safi, Ħalsafin li joqogħdu f'irħula oħra, u dawk li joqogħdu barra minna Malta u bħalissa qegħdin fostna. Imexxi u jagħmel l-omeliji tal-jiem tat-Tridu, ir-Rev. Kan. Michael Zammit, Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat, u Kappillan tal-Parroċċa ta' Sant' Andrija, Ħal Luqa. Wara l-quddiesa jkun hemm il-kurunella, l-antifona u l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl. Fi tmiem il-funzjoni jsir it-tberik tax-xbihat ta' San Pawl.

8:30 pm Marċ mill-banda Filarmonika Santa Marija tal-Mosta, li jibda minn Triq San Ġwann (in-naħa ta' Ħal Kirkop), idur għal Triq il-Kuċċard, Triq is-Summien, Triq in-Nassaba, Triq it-Tellerit, Triq l-Iskola, Triq il-Menqa u Triq il-Kenn, Triq Ta' Ġawhar, Triq Dun Karm Vella, Triq il-Kaċċaturi, Triq San Tumas, Trejqet it-Twemmin, Triq Ħlantun, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija u jispiċċa fil-pjazza quddiem il-Każin Banda San Pawl.

Il-Ħamis 22 ta' Awwissu **IT-TIENI JUM TAT-TRIDU** - ***Jum l-Għixien Familjari***

5:00 pm Qrar.

6:30 pm Quddiesa kantata bis-sehem ta' dawk il-koppji li qed jiċċelebraw l-1/10/20/25/30/40/50 sena anniversarju taż-żwieġ tagħhom, biex iġeddu l-wegħdiet taż-żwieġ tagħhom. Mistiedna wkoll dawk li qed jagħmlu l-mixja tat-tħejjija għaż-żwieġ u l-ħajja tal-familja. *(Min bi ħsiebu jattendi tajjeb li jinkiteb fl-Uffiċċju Parrokkjali)*. Imexxi r-Rev. Kan. Michael Zammit, Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat, u Kappillan tal-Parroċċa ta' Sant' Andrija, Ħal Luqa. Wara l-quddiesa jkun hemm il-kurunella, l-antifona u l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl.

8:45 pm Il-Banda San Pawl Safi tesegwixxi Programm Vokali u Strumentali fuq il-planċier, fejn fost oħrajn jindaqq u jitkanta l-Innu l-Kbir 'Is-Sejħa' taħt id-direzzjoni tas-Surmast Mro. Michael Bugelli bis-sehem tal-Kor Mirabitur u s-solisti Marita Bezzina u Vince Farrugia. Jieħdu sehem ukoll Cherise Attard, Thea Aquilina, Kayley Cuschieri, Jillianne Camilleri u Joseph Barber Bonavia. Tippreżenta s-Sinjorina Claire Zammit.

Il-Ġimgħa 23 ta' Awwissu **IT-TIELET JUM TAT-TRIDU**
***Jum l-Għaqdiet u l-Impenn Nisrani***

Filgħodu Tqarbin tal-morda fi djarhom.

5:00 pm Qrar.

6:30 pm Quddiesa kantata bis-sehem tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, flimkien mal-għaqdiet reliġjużi u dawk li jgħinnu fil-ħidma missjunarja jew għamlu esperjenza missjunarja. Imexxi r-Rev. Kan. Michael Zammit, Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat, u Kappillan tal-Parroċċa ta' Sant' Andrija, Ħal Luqa. Wara l-quddiesa jkun hemm il-kurunella, l-antifona u l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl.

8:45 pm Marċ mill-Banda San Pawl Safi li takkumpanja l-istatwa ta' San Pawl fuq iż-Żiemel. Il-marċ jibda minn Trejqet it-Twemmin għal Triq San Tumas, Triq Ta' Ġawhar, Triq il-Kenn, Triq il-Menqa, Triq l-Iskola, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq il-Ħajt Ruman, Triq iż-Żurrieq, Triq l-Iskola, Triq in-Nassaba, Triq it-Tellerit, Triq il-Kuċċard, Triq is-Summien, Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja fejn l-Istatwa tittella' fuq il-pedestall fost briju kbir. Wara jkun hemm kant ta' diski Pawlini u jintwera wkoll *feature* tal-festa.

Is-Sibt 24 ta' Awwissu **LEJLET IL-FESTA**

8:00 am Quddiesa mill-Kappillan Kan. David Farrugia li fiha jitkanta l-innu ta' ringrazzjament, it-*Te Deum*.

5:00 pm Qrar

6:00 pm Purċissjoni li titlaq mill-Knisja Parrokkjali lejn il-Knisja ta' Santa Marija.

6:15 pm Inċensazzjoni tar-Relikwa ta' San Pawl u Translazzjoni mill-Knisja ta' Santa Marija għall-Knisja Parrokkjali. Isir il-kant tal-Innu u tal-Antifona ta' San Pawl. Wara jsir il-kant tal-Għasar Solenni u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Imexxi r-Rev. Kan. Andrew Schembri, Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-

| | |
|---|---|
| | Belt Valletta, u Viċi tal-parroċċa ta' Marija Assunta, Ħ'Attard. |
| 7:30 pm | Quddiesa ppreseduta mir-Rev. Kan. Andrew Schembri stess. |
| 8:30 pm | Il-Banda San Pawl Safi tesegwixxi programm fuq il-planċier. |
| 9:30 pm | Wirja piroteknika li tinkludi; beraq pront, beraq bir-raxx, beraq tal-kulur, murtali tal-logħob, murtali tal-kulur li tispiċċa b'kaxxa tal-kulur u wirja piroteknika bil-*fire one* li tinkludi sfejjer, blalen, ftuħ tal-kulur u tal-beraq u lampjun. |
| 11:30 pm | Wirja tal-logħob tan-nar tal-art artistiku u mekkanizzat fil-*bypass*. |

Il-Ħadd 25 ta' Awwissu **JUM IL-FESTA**

| | |
|---|---|
| 6:45 am | Quddiesa |
| 9:00 am | Quddiesa solenni kkonċelebrata ta' Jum il-Festa mmexxija mill-E.T. Mons. Pawl Cremona O.P., Arċisqof Emeritu ta' Malta, li jinseġ ukoll il-Paniġierku. |
| 12:00 pm | Jibda l-Marċ ta' Filgħodu mill-Banda San Pawl ta' Ħal Safi. Jgħaddi minn diversi toroq fejn fl-aħħar jilħaq il-qofol tiegħu fil-Pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin Banda San Pawl u jintemm fis-2:00 pm. |
| 6:00 pm | Quddiesa mill-Kappillan Kan. David Farrugia, Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta. |
| 6:45 pm | Il-banda Filarmonika Stella Maris ta' Tas-Sliema tagħmel marċ li jibda minn Triq iż-Żurrieq u jispiċċa fil-Pjazza tal-Knisja. |
| 7:15 pm | Tibda l-purċissjoni bl-istatwa titulari tal-Appostlu Missierna San Pawl. Imexxi r-Rev. Kan. Andrew Schembri, Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta, u Viċi tal-parroċċa ta' Marija Assunta, Ħ'Attard. Mal-ħruġ tal-purċissjoni jindaqqu l-innijiet, u jinħarqu musketterija, salut u kaxxa infernali. Il-Kor 'Mirabitur' jakkumpanja lill-banda Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D.1990 waqt l-innijiet. Il-banda Filarmonika Stella Maris ta' Tas-Sliema takkumpanja l-purċissjoni, u l-banda Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D.1990 tagħmel programm mużikali fuq il-planċier fil-Pjazza tal-Knisja. |
| 10:00 pm | Jindaqqu l-Innijiet ta' San Pawl mill-banda Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D.1990 akkumpanjata mill-Kor 'Mirabitur' taħt it-tmexxija ta' Simone Attard. |
| 10:30 pm | Ninġabru fuq iz-zuntier, tinħaraq il-kaxxa infernali, u nilqgħu l-istatwa ta' San Pawl lura fil-knisja. Fid-dħul tagħha, titkanta l-antifona u tingħata l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjonijiet jintemmu bl-innu ta' San Pawl u bil-bews tar-relikwa. |
| 11:00 pm | Isir il-Marċ tan-Nar mill-Banda San Pawl ta' Ħal Safi li jibda minn Triq iż-Żurrieq, jakkumpanja l-istatwa ta' San Pawl fuq iż-Żiemel li titniżżel minn fuq il-pedestall u jintemm kollox fil-Pjazza tal-Knisja f'nofsillejl. |

***Ġewwa l-Knisja Parrokkjali:***

| | |
|---|---|
| Fil-jiem tat-Tridu: | Il-mużika u l-Kor Sine Macula taħt id-direzzjoni ta' Mro Alexandra Borg B.Educ, A.Mus L.C.M.. |
| Lejlet u Nhar il-Festa: | Tindaqq il-Mużika tas-Surmastrijiet Dr Paolo Nani u Mro Antonio Nani. Il-mużika u l-kor taħt id-direzzjoni ta' Mro Alexandra Borg B.Educ, A.Mus L.C.M.. |



## Memorji mill-isbaħ





Festa 2018








## San Pawl – Ħolma tal-Ħalsafin

***Fl-okkażjoni tal-175 sena mill-miġja tal-vara artistika ta' San Pawl għall-ewwel darba ġo raħalna***

*Dorian Baldacchino*

F'dan l-artiklu se nagħtu ħarsa lejn il-ġrajjiet li sawru din il-ġrajja fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax. F'dan il-perijodu, Ħal Safi b'medda ta' 775 metru kwadru[1] kien magħruf għax-xogħol tar-raba' u l-agrikoltura. Il-maġġoranza tal-Ħalsafin kienu bdiewa jew jipprattikaw xi forma ta' snajja'.

***Min kien Alessandru Farrugia?***



Alessandru Farrugia (1791-1871) twieled iż-Żejtun fit-2 ta' Frar 1791, minn Ġużeppi u Domenica mwielda Abela. Fi tfulitu hu tgħallem is-sengħa tal-iskultura fil-ġebla, fl-injam u fil-kartapesta taħt Marjanu Gerada ġewwa Bormla, fejn 'il quddiem beda jaħdem bħala apprentist. Skulturi oħra li studjaw taħt Gerada kienu Salvatore Psaila u Pietru Pawl Azzopardi. Ix-xogħol u t-teknika ta' Farrugia kienu influwenzati ħafna mill-imgħallem tiegħu. Xandru Farrugia kien iħobb juża għajnejn żgħar iħarsu 'l isfel, geddum żgħir, kif ukoll nokklu xagħar maġenb il-widnejn, u xi drabi fil-parti ta' quddiem tar-ras. Dawn il-karatteristiċi tant komuni fix-xogħlijiet ta' Xandru Farrugia huma sinonimi wkoll fix-xogħlijiet ta' Gerada. Element ieħor li jispikka fl-istatwi ta' Farrugia huwa t-tip ta' mnieħer li fit-termini artistiċi jissejjaħ 'Mnieħer stil Ruman (*Roman Nose*)'. Ħaġa oħra li wieħed jista' jinnota huwa l-mod kif id-drapp tal-ilbiesi jitħalla jaqa' b'mod mill-aktar naturali minn fuq ir-riġlejn tal-persunaġġi tiegħu.[2] Biss xi drabi kien jagħmel użu minn materjal ta' kwalità inferjuri: jidher li hu kien jixtri njam imwarrab mill-mastrudaxxi tal-vapuri, li mbagħad kien jinkollah mal-injama ewlenija tal-istatwa li jkun qed inaqqax.

Fl-età ta' 23 sena Alessadru Farrugia żżewweġ lil Marianna imwielda Camilleri, armla ta' Ġużeppi Zahra, nhar it-8 ta' Novembru 1814 fil-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun. Minn dan iż-żwieġ hu kellu tmien ulied: Michele, Columba Rosa, Antonius, Giovanni, Anna Maria, Pawlu, Didacus, u Catarina Maria Theresa.

Bħala statwarju Farrugia kien versatili ħafna u ħadem xogħlijiet kemm għal Malta kif ukoll barra minn Malta. Wieħed malajr jista' jinnota li l-iskultur għamel aktar opri artistiċi fl-injam milli fil-ġebla jew fil-kartapesta. Huwa interessanti ħafna li wieħed jinnota li tliet statwi titulari kkummissjonati lil Mastru Alessandru Farrugia, jiġifieri dik tal-Lunzjata għal Ħal Tarxien, dik ta' Santa Marija għall-Mqabba, u dik ta' San Pawl għal Ħal Safi, huma pjuttost kollha parroċċi viċin iż-Żejtun.



Alessandru Farrugia miet fir-residenza tiegħu fiż-Żejtun, f'numru 38, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill nhar l-4 ta' Diċembru fl-età ta' 80 sena. Ġie midfun fil-kannierja tal-Knisja parrokkjali tal-istess parroċċa. Wara mewtu, ibnu Giovanni kompla fuq il-passi ta' missieru u l-bottega kompla fiha hu.

***Min kien Dun Ġwann Caruana?***

Dun Ġwann Caruana għandu legat kbir marbut ma' raħalna. Tul l-erbgħin sena tal-parrokkat tiegħu f'Ħal Safi, nistgħu ngħidu li ħalla wirt li għadna ngawduh sal-lum il-ġurnata. Hu twieled fis-Siġġiewi fl-1808. Meta sar saċerdot għamel sentejn u nofs viċi-kappillan tas-Siġġiewi. Wara, minn Lulju tal-1836 sal-1840, allura għal erba' snin u nofs kien viċi-kurat tal-parroċċa ta' Santa Marija tal-Qrendi. Matul il-ħidma tiegħu f'din il-parroċċa saret l-istatwa titulari ta' Santa Marija, xogħol Antonio Chircop, li tlestiet għall-festa tal-1839[3] u ġiet tiswa madwar 500 skud.[4] Sabiex sar Kappillan ta' Ħal Safi, kellu jieħu sehem f'konkors quddiem tmien eżaminaturi fil-Kurja tal-Arċisqof. Id-digriet għall-ħatra ta' kappillan ta' raħalna ħareġ fis-16 ta' Marzu 1840 mill-Isqof Francesco Saverio Caruana. Għal dan il-konkors resqu disa' kandidati.[5] Il-konkors kien sar fis-26 ta' Marzu 1840.[6] Is-segretarjat Ingliż, fit-2 ta' Lulju 1840, kien approva n-nomina ta' Dun Ġwann Caruana fl-età ta' 32 sena.[7] Iċ-ċerimonja tal-pussess saret fit-12 ta' Lulju tal-istess sena fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Safi. Bħala mexxej spiritwali ta' din il-parroċċa, il-valur tal-għajxien tiegħu kien jammonta għal £7.10 kull sena.[8] Tletin skud minnhom kienu ġejjien mill-ewwel frott mingħand il-bdiewa tar-raħal stess, kif kienu obbligati jagħmlu. Dun Ġwann miet fit-12 ta' Jannar 1881 waqt li kien għadu kappillan ta' raħalna fl-età ta' tlieta u sebgħin sena. Indifen ġewwa l-knisja parrokkjali tas-Siġġiewi.

Matul il-parrokat twil tiegħu, saru diversi opri, fosthom, l-aktar waħda ta' interess għalina, l-istatwa artistika ta' San Pawl. Din tissemma għall-ewwel darba fl-inventarju (1842-1849) tal-oġġetti sagri fil-Knisja bħala parti mill-viżta pastorali

tal-Isqof Publius Maria Sant.[9] Insibu dettall ieħor fil-konkors li kien ippreżenta għalih Dun Ġwann għall-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar. Fis-sezzjoni dwar il-ħidmiet tiegħu marbuta b'mod partikulari f'raħalna tissemma l-istatwa ta' San Pawl qed jippriedka li ġiet tiswa 300 skud.[10] Din is-somma jidher li ma taqbilx mal-ispiża murija fl-Atti Notarili tal-Kummissjoni tal-istatwa li kienet 250 skud.[11]

***L-Istatwa Titulari ta' San Pawl f'Ħal Safi***



Fl-1842, Alessandru Farrugia kien ikkummissjonat sabiex inaqqax ix-xbieha ta' San Pawl Predikatur għall-parroċċa ta' Ħal Safi. Dan jixhed għalih ftehim pubbliku li sar nhar l-4 ta' Ottubru tal-istess sena għand in-nutar Massimiliano Troisi Menvile ġewwa ż-Żejtun. Hu ntrabat li jaħdem ukoll erba' forċini, il-lasti, il-pedestall u l-bradella għall-vara. Dun Giovanni Caruana flimkien ma' Michel'Angelo Abdilla, li kien il-prokuratur tal-Fondazzjoni mwaqqfa minn Dun Francesco Buġeja, talbu lill-iskultur sabiex l-istatwa tkun tixbah lix-xbieha ta' San Pawl meqjuma fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl, il-Belt Valletta, maħduma minn Melchiorre Gafà. Fuq ix-xellug tiegħu, insibu ix-xbieha tal-lifgħa u n-nar, elementi pjuttost uniċi li twaħħdu mal-ikonografija ta' San Pawl f'pajjiżna. L-injam użat kellu jkun *legno di ponente*.[12] Minn studju li kien sar mill-kumpanija tar-restawr *Atelier Del Restauro,* l-injam li jifforma l-istatwa huwa speċi tal-arżnu iswed (*Black Pine*) filwaqt li l-bażi tal-istatwa huwa *Spruce Wood*. L-istess kuntratt jistabbilixxi li l-vara kellha tiġi tiswa 250 skud, u x-xogħol kellu jkun lest sal-25 ta' Novembru 1843. Ta' min isemmi li qabel sar dan il-kuntratt l-iskultur kien diġà għadda lill-kappillan l-abbozz tal-istatwa li kien sar proprjetà personali tiegħu, hekk kif stipulat fil-kuntratt stess. Dakinhar li ġie ffirmat il-kuntratt, il-kappillan u l-prokuratur kienu għaddew lil Alessandru Farrugia 52 skud bil-quddiem.

Fis-16 ta' Novembru 1843 kien sar kuntratt ieħor għand in-nutar Felice Camenzuli. Mastru Xandru jiddikjara li rċieva mingħand Dun Ġwann Caruana u Mikiel'Anġ Abdilla l-ħlas ta' 75 skud, mis-somma finali ta' 198 skud skont kif kien miftiehem.[13] Hekk jidher li aktarx din ix-xbieha ħarġet għall-ewwel darba proċessjonalment mat-toroq ta' raħalna fil-25 ta' Jannar 1844. Jekk wieħed iħares

mill-aktar qrib lejn din l-istatwa jinnota li l-iskultur naqqax ix-xbieha ta’ San Pawl b’idu ix-xellugija mgħollija li turi l-ħeġġa tal-predikazzjoni filwaqt li fil-leminija qed iżomm il-Bibbja bil-kitba *In Christo Jesu Per Evangelium Ego Vos Genui* (... Fi Kristu Ġesù, bl-Evanġelju, jien nissiltkom). Il-qaddis hu liebes ilbies ta’ kulur aħdar u aħmar. Fl-arti sagra dawn il-kuluri għandhom tifsira partikolari, l-aħdar ifisser it-tama u t-twelid mill-ġdid marbuta wkoll mal-element tal-konverżjoni tal-qaddis, filwaqt li l-aħmar jissimbolizza l-martirju.[14] Riġlu tax-xellug mitfuha aktar ’l quddiem minn dik tal-lemin biex joħloq forma ta’ moviment. L-influwenza tal-arti Spanjola, b’mod partikulari tal-imgħallem Marjanu Gerada tidher mhux biss fil-karatteristika tal-qaddis, imma wkoll fil-forma serpentali li hija sinonima ma’ dan l-istil introdott minn Gerada stess fis-seklu dsatax. Is-sejf inħadem fl-1883 waqt li d-dijadema nħadmet fl-1890, u huma tnejn tal-fidda, xogħol Ġużeppi Barbara. F’riġlejh għandu sandli tad-deheb, maħdum fl-1981 fi żmien il-kappillan Dun Mikiel Agius u ġie rregalat mix-xebbiet ħaddiema ta’ Ħal Safi.[15]

Biss ta’ min ngħidu li fl-1890 l-istatwa kienet ingħatat dehra ġdida permezz ta’ induratura minn Francesco Coleiro miż-Żurrieq. Coleiro uża t-teknika bil-boll Armen, dik li bl-Ingliż tissejjaħ *water gilding*. Dan kien l-ewwel xogħol tiegħu wara li ġie lura Malta minn Lixandra. L-istatwa ġiet indurata fil-ħanut li kellu hu stess fil-pjazza quddiem il-knisja taż-Żurrieq, fl-istess post fejn minflok dan il-ħanut wieħed seta’ jsib il-ħanut tax-xorb ta’ ċertu Wieżu, maġenb il-Każin tal-Madonna tal-Karmnu.[16] Aktar tard, bejn 1930-45 inbidlu kemm il-pedestall u kemm il-bradella u l-bankun, iddisinjati u maħduma minn Emanuel Buhagiar.




Wara l-festa tal-2014 l-istatwa kienet ittieħdet sabiex isirilha restawr intensiv minħabba ħsarat li tul is-snin ġarbet. Dan seta’ jidher mix-xaqq li kien hemm mar-ras tal-istatwa u l-ieħor li jibda mill-parti ċentrali u jibqa’ sejjer san-naħa t’isfel tas-sieq ix-xellugija. Dawn ix-xquq kienu riżultati b’mod partikulari minħabba l-bdil kontinwu fit-temperaturi u livelli għolja ta’ umdità.[17] Permezz tad-dawl ultravjola ġie indentifikat li l-istatwa kienet ingħatatilha aktar minn saff wieħed ta’ verniċ b’bażi ta’ reżina, filwaqt li l-istudju li sar fuq il-wiċċ tal-vara wera l-applikazzjoni ta’ verniċ b’bażi taż-żejt kif ukoll kien hemm il-preżenza tax-xellak (*shellac*). Dawn il-passati ta’ verniċ maż-żmien sfaru bil-konsegwenza li

l-polikromija tal-vara skurat bis-sħiħ u hekk intilfu għadd ta' dettalji, speċjalment tal-karnaġjon. Ġie nnotat ukoll waqt l-intervent, li xi partijiet mill-istatwa, bħal partijiet mill-mantell l-aħmar, kien hemm xi interventi fuqu matul iż-żmien, filwaqt li l-leħja u x-xagħar kienu miżbugħin totalment mill-ġdid.

Problema oħra kienet li partijiet mill-induratura tal-vara kienu telqu jew iċċaraw maż-żmien. B'hekk, waqt il-proċess tal-konservazzjoni kellhom jitnaddfu dawn l-interventi li saru matul iż-żmien kif ukoll isir tindif tal-istatwa sabiex jitneħħa l-verniċ, fejn inkixef il-karnaġjon oriġinali tal-vara. Reġgħet ġiet applikata wkoll l-induratura, issaħħew dawk il-partijiet tal-polikromija li ġew iddistakkati mill-ġibs bl-użu ta' kimiċi apposta, u anke f'xi partijiet ġew applikati *watercolours* u t-teknika mimetika sabiex terġa' tingħata dehra aktar irfinuta tal-polikromija tal-vara.[18] Dan il-proċess ta' restawr dam madwar tmien xhur, jiġifieri tlesta għall-festa ta' Awwissu 2015.

Kif jgħid John Keats fil-poeżija tiegħu *Endymion* ippubblikata fl-1818, *"a thing of beauty is a joy forever."*[19] L-għan ta' dawn l-opri artistiċi jnisslu fost il-qlub tad-devoti ferħ kbir li jibqa' għal dejjem.

### *Refernzi*


1 Malta Blue Books 1844,226
2 Abela, *Għamlulna Ġieħ Xandru Farruġia u Ibnu Ġanni*, (Malta) 26-27
3 http://www.santamariaqrendi.com/the_statue.html (aċċessata 30/07/2019)
4 ACM, CEM, Conc.fasc.18, 213r
5 Ibid, 213r-v. Il-konkorrenti kienu D. Pietro Xerri (Ħal Qormi); D. Giuseppe Cilia, kappillan Ħal Tarxien; D. Giovanni Caruana, viċi kurat Qrendi; D. Lorenzo Pavia (Valletta); D. Giuseppe Camilleri (Naxxar); D. Lorenzo Frendo; D. Antonio Fenech (Valletta); D. Salvatore Mizzi, viċi kurat Ħaż-Żebbuġ; D. Tommaso Naudi, kappillan ta' Ħal Għaxaq.
6 ACM, CEM, Conc.fasc.18, 198r-v
7 Act. Civ. CVCVIII (1839-1840), 175
8 Malta Blue Book 1840, 196
9 AAM, *Inventario 1842-1849,*fasc 24,372v. *"... una statua di legno rappresentante S. Paolo Apostolo".*
10 ACM, CEM, Conc.29,fasc.40, 378v. *"...Una statua rappresentante S. Paolo in atto di predicare -300"*
11 ANM, Atti tan-Nutar M. Troisi (1842), Numru 61/465v.
12 Ibid, 466
13 ANM, Atti tan-Nutar F. Camenzuli (1843), Numru 4/657r.
14 https://aleteia.org/2017/09/25/5-colors-and-their-symbolism-in-art/ (aċċessata 30/07/2019)
15 S. Mangion u C. Magro, *Skulturi Maltin Tal-Iskola Spanjola* (Malta), 141
16 Ibid.
17 R. Abela, *Għamlulna Ġieħ Xandru Farrugia u Ibnu Ġanni* (Malta), 55
18 Ibid, 56-67
19 https://poets.org/poem/endymion-book-i-thing-beauty-joy-ever (aċċessata 30/7/2019)






## L-Appuntament annwali tiegħi mal-Perù

*Pawlina Zammit*

***Erġa' għall-Perù***

L-appuntament tiegħi biex immur għal darb'oħra l-Perù bħala voluntiera mal-fqar ta' Alto Cayma reġa' wasal, u b'qalb imħeġġa u riġlejn ħfief bdejt il-vjaġġ it-twil.



***Merħba ta' tgħanniq u bews***

Il-laqgħa min-nies tal-lokal kienet waħda sabiħa; b'dirgħajn miftuħa u bi tbissima ta' ferħ ġrew għal fuqi u ħafna tgħanniq u bews. Xejn inqas min-naħa tiegħi li kull darba jkolli seba' mitt sena biex narahom.

***Bżonnijiet li talbu minni ħidma siekta***

Biss din id-darba x-xogħol meħtieġ minni kien differenti u żammni ftit 'il bogħod min-nies u b'hekk tlift ħafna l-esperjenzi tal-kuntatti differenti man-nies, u ngħiduha kif inhi, immissjajthom ħafna. Imma dan kien il-bżonn.

***Ħtieġa essenzjali: għar-ruħ u l-ġisem***



Darbtejn biss kelli l-ħin biex immur id-dar tat-tfal, u kif dħalt, b'dixx kbir *trifle* fuq idejja, għoddhom qalbuhuli. Ma ħadux gost meta għidtilhom li din id-darba tliet ġimgħat biss kelli u b'wiċċ sobgħien isaqsu 'għalfejn?' Darb'oħra rnexxieli mmur ma' Marija, is-*social worker,* biex inqassmu l-ħalib sħun

bl-*avena* (ċereali) fih, quddiem waħda mill-knejjes. Bilqiegħda fuq it-taraġ sibna ruxmata xjuħ u foqra kalmi, kalmi jistennewna; kollha bil-kontenitur tal-plastik f'idejhom lesti bies jieħdu sehemhom u jitrejqu; sintendi, l-ewwel iridu jgħidu r-rużarju u wara jitqassam il-ħalib. Kollox fil-ħin tiegħu u bil-kalma, u ma tisma' lil ħadd la jgerger u lanqas jonfoħ. Għalihom il-ħin tad-dinja kollu tagħhom u stress ma jafux x'inhu.

***L-art titgħeżżeż u jien nitbandal***



Lejl wieħed, waqt li kont rieqda, ħassejt is-sodda titbandal bija. Mitlufa fir-raqda li kont, ħsibtni li qed nitbandal u niżlitli għasel, ħassejtni ġo benniena. Ftit sekondi wara, tbandila oħra qajmitni sew u ndunajt li kien terremot.

Il-Perù jsiru ma' tliet mitt terremot fis-sena. L-art sikwit titgħeżżeż, u l-parti l-kbira ma jinħassux. B'xorti tajba, dan it-terremot li rreġistra 7.1 fuq l-iSkala Richter, kien 171 kilometru taħt l-art, u għalhekk la saret ħsara u lanqas telf ta' ħajja. Riżultat ta' dawn it-tgħeżżiżiet, il-bini dejjem jiċċaqlaq u għalhekk issirlu ħafna ħsara ta' kunsenturi, eċċ. Il-mod li bih huma jibnu, min għandu dar kif nafuha aħna, huwa apposta biex jirreżisti dawn it-tgħeżżiżiet.

***Għażliet ta' Fidi u Tama***

Waħda mill-knejjes, li tinsab fil-għoli ta' 'l fuq minn 3,500 metru, għandha ħsara ta' madwar 10,000 dollaru li trid tissewwa. Il-Padre jgħidli: "Ħeqq, x'nagħmel, insewwi l-knisja jew nitma' lil minn hu bil-ġuħ?" Il-fidi kbira; jemmen li xi darba għad jinqala' xi benefattur li jagħmel tajjeb.

***'Sa kemm nerġgħu niltaqgħu'!***

Tliet ġimgħat taru bħal leħħa ta' berqa. Malajr wasal iż-żmien li niġi lura Malta. Imma għalkemm nagħmel xi ftit dieqa, dejjem bil-ħsieb li nerġa' mmur lura fi żmien ftit xhur u mal-firda minn xulxin dejjem ngħidilhom: 'Sa kemm nerġgħu niltaqgħu'!





V. Spiteri

VSS

& Sons Ent. Ltd.





TRANSPORT SERVICE: Fully Air Conditioned Vehicles

- Open Top Buses
- Coaches
- Midi Coaches
- Super Low Floor Buses - accessible for disabled & elderly people
- Mini Buses ...

  seating capacity up to 74 seats

Importers of VOLVO Bus & Truck - Parts & Diagnostic
HISPACOLD Air Conditions
IRIZAR Coaches
BOCK Compressors

29, 'Gratiae Plena',
Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra
Luqa LQA 1011
Tel: 2182 0749 Mob: 9946 4405
Email: info@vss.com.mt


KULL M'GĦANDU BŻONN
L-Induratur
DEHEB TA' L-INDURATURA, SILVER LEAF, ALUMINIUM LEAF FLIMKIEN MA' DIVERSI GĦODDA U PRODOTTI OĦRA RELATATI MA' DAN IX-XOGĦOL ARTISTIKU KIF UKOLL GĦAR-RESTAWR.
EST 1923
E. THEUMA & COMPANY LTD.
"Theuma House", 302, St. Paul Street,
Valletta VLT 1213, MALTA
Tel +356 21 236605 / 21 234075 Fax: +356 21 244201
info@etheuma.com www.etheuma.com






## Esperjenza ta' volontarjat fl-Albanija

*Alexis Callus*

***'Dment li għandna ż-żmien ħa nagħmlu l-ġid ma' kulħadd'***

San Pawl minn dejjem kien ta' ispirazzjoni għalija;
kliemu jsaħħaħ il-mixja tiegħi matul ħajti. Kliemu jgħoddu għalina, dejjem:

*"Ma negħjew qatt nagħmlu l-ġid;*
*għax jekk ma naqtgħux qalbna, naħsdu fi żmienu.*
*Mela, dment li għandna ż-żmien ħa nagħmlu l-ġid ma' kulħadd,*
*l-iktar ma' qrabatna fil-fidi."* [Gal 6 :9-10]

***Esperjenza ġdida b'nofs qalb ...***



Matul il-vaganzi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena ngħaqqadt ma' grupp ta' volontiera mmexxija mill-NGO *Passi & Beyond* bl-iskop li nwettqu xogħol volontarju fl-Albanija. Fil-verità jiena tlajt minħabba li ħajritni ħabibti li kienet ilha tixtieq esperjenza bħal dan, għax personalment la kelli l-ħajra li nsiefer għall-Ewwel tas-Sena u wisq anqas ma kelli li nitlef mill-mistrieħ wara sena ta' ħidma! Iżda ddeċidejt li nitla', xejn xejn kien ikolli skuża nsajjar 'bil-goff' kif inħobb ngħamel jien.

***... imma li llum ngħid li mlietli lil qalbi***



L-esperjenza aħħarija kienet waħda ferm differenti milli stennejt. Irrid ngħid li l-għaqda *Passi & Beyond* huma ferm organizzati u mexxew il-proċess kollu bi trasparenza u professjonalità kbira f'kull ħin. Nappella lil kull min jitħajjar jagħmel esperjenza simili li jikkunsidra jagħmel dan magħhom.

***Biex imtlew il-jiem u l-qalb?***



Ġewwa l-Albanija sajjarna għal madwar 100 persuna, u wara żorna diversi familji foqra, emarġinati u anke fiżikament imbiegħda miċ-ċentri tal-bliet. Tellajna diversi affarijiet edukattivi u żejjina xi klassijiet ukoll. Esperjenza sabiħa ħafna kienet fir-raħal ta' Peqin (tinħass Peċin). Fis-sempliċità u fil-faqar tal-post, ingħatajt l-isbaħ lezzjoni fil-ħajja: l-apprezzament u t-tama. Diffiċli nispjega fi ftit kliem, iżda hemm sibt il-paċi f'qalbi, u nsejt għal kollox li kont qed nagħmel disgħat ijiem rieqed fuq kurta mal-art. Ħassejt li hemm kont qed nagħmel differenza. It-tama tiegħi hija li nżonn kuntatt ma dawk li wrew potenzjal u nara kif, minn hawn, nista' nkompli nsaqqi t-tama li ħallejna.

Minn qalbi nixtieq nirringrazzja lill-Kappillan Kan. Dun David Farrugia, u l-komunità Ħalsafija li laqgħuna u inkoraġġewna dak inhar li ġejna niġbru d-donazzjonijiet li marru b'risq din l-esperjenza.




SAFI Pharmacy
San Gwann Street c/w Bieb il-Garra Street, Safi
Tel: 21649552, 79331718
OPEN ALL DAY
Monday to Saturday 8.00am till
7.30pm






## L-Esperjenza bħala Abbati fil-Vatikan

*Paolo Zammit*



Kien nhar it-Tlieta 21 ta' Awwissu tal-2018, meta flimkien ma' 24 abbati ieħor bdejna l-esperjenza indimentikabli fil-Vatikan sabiex inqattgħu tliet ġimgħat inservu bħala abbatini fil-Bażilika ta' San Pietru. Għalkemm kont xi ftit diżappuntat għax warajha ħallejt il-festa ta' San Pawl li nagħmlu fir-raħal sabiħ tagħna ta' Ħal Safi, kont ħerqan għal din l-esperjenza ta' darba f'ħajti.

Proprjament, din kienet l-ewwel żjara tiegħi fil-Vatikan u l-madwar, u affaxxinajt ruħi meta rajt il-koppla enormi li tħares il-pjazza maestuża ta' quddiemha. X'ħin wasalna fil-kmamar tagħna fir-residenza eżatt mal-Vatikan, ġejna mdawra ftit mal-post biex norjentaw ruħna.

Il-qassisin li kienu qed jakkumpanjawna kienu jqajmuna fil-ħamsa ta' filgħodu sabiex nippreparaw għall-quddies tas-sebgħa ta' filgħodu. Kull abbati kien ikollu l-opportunità li joħroġ ma' xi qassis differenti biex nassistuh fil-quddiesa. Biss jien kont l-eċċezjoni għax żammejt l-istess ċelebrant u l-istess artal tul it-tlett ġimgħat sħaħ! U dan għax kien l-E.T. il-Kardinal Paolo Sardi stess, kardinal umli, sempliċi, tan-nies, li għażilni mal-ewwel ġurnata u talabni sabiex nibqa' nassistih. Miet propju f'Lulju 2019.



Fil-Vatikan hemm madwar 25 altar, u l-quddies kien isir fuq kollha kemm huma.



Mit-Tnejn sal-Ħadd, il-quddiesa li konnu ngħinu kienet dik tas-sebgħa ta' filgħodu. Il-Ħadd kien aktar impenjattiv għax apparti dik il-quddiesa kien ikollna wkoll nattendu għat-talb ta' filgħodu - li fil-Liturġija tas-Siegħat huwa magħruf bħala l-*Laudi* (li jfisser tifħir); għall-Quddiesa kantata bil-Latin - li kienet issir fuq l-altar prinċipali jew magħruf aħjar bħala l-Altar Maġġur; kif ukoll għall-barka tal-Papa Franġisku lill-udjenza miġbura fi Pjazza San Pietru; għall-Quddiesa ta' nofsinhar - li wkoll kienet issir fuq l-altar maġġur, biss din id-darba bil-lingwa Taljana, għall-Quddiesa tal-erbgħa ta' wara nofsinhar u għall-*Vespri* jiġifieri għat-talb ta' filgħaxija (jew l-Għasar).

Matul il-ġimgħa kienu jeħduna nduru diversi attrazzjonijiet ġewwa l-Belt maestuża ta' Ruma. Dun Frans, il-Monsinjur Malti li huwa l-moħħ u l-organizzatur tal-grupp sena wara sena, kien dejjem iħeġġiġna sabiex norqdu wara nofsinhar ħalli filgħaxija jeħodna passiġġata, u li matulha ma kienx jonqos ġelat tajjeb!

Fit-tieni ġimgħa ġew iżuruna l-ġenituri tagħna u kienu jiġu jattendu il-quddies tas-sebgħa ta' filgħodu u ċ-ċelebrazzjonijiet l-oħra. Konna wkoll niltaqgħu magħhom waqt il-mawra ta' filgħaxija.



Nimmaġina li din l-esperjenza hija bla dubju waħda mill-aktar esperjenzi qawwijin li bosta mill-abbatini Maltin għexu. U sinċerament nistqarr li għalija din kienet l-isbaħ esperjenza ta' ħajti s'issa, u żgur li għallmitni ħafna. Inħares 'il quddiem u nħeġġeġ lil sħabi kollha, b'mod speċjali l-abbatini ta' Ħal Safi sabiex ma jitilfux esperjenza simili, allavorja titlob preparazzjoni u dedikazzjoni sħiħa, ladarba din l-opportunità kapaċi tagħti ħafna sodisfazzjon. Ngħid għalija dan hu li nħoss, speċjalment meta niltaqa' ma' nies u nirrakkontalhom il-ġrajjiet li għaddejt minnhom fil-Vatikan!

## Ritratt tal-Istatwa Titulari ta' San Pawl Ħal Safi



**Ritratt biss**
**12" x 18" €35**
**20" x 30" €70**

**Ritratt u frame**
**12" x 18" €60**
**20" x 30" €110**



Jistgħu jsiru ritratti u frames tal-wiċċ, Il-Bust jew l-istatwa, bradella u l-bankun fuq talba personali.

Għamlu kuntatt mal-uffiċċju Parrokjali dwar dan

Ordna l-kopja tiegħek
1. Mill-uffiċċju Parrokjali
2. Mill-Każin Banda San Pawl, Safi
3. SMS: 79051529
Email: parrocca.safi@maltadiocese.org

# PET STOP

**For all your pet and garden needs**




XAROLLA
DENTAL CLINIC
Open Monday to Saturday 8.00 - 13.00
Monday to Friday 15.00 - 19.00
facebook.com/xarolladentalclinic
164, Triq Matteolo Saliba, Żurrieq ŻRQ 2021
Tel: 2164 1741
xarolladental@gmail.com


MIEGĦEK DEJJEM
U KULLIMKIEN
Ħal Safi
Joseph Busuttil - Tied Intermediary
61, Triq iż-Żurrieq
GasanMamo


The Fruit Tree
35, Triq il-Bronja, Zurrieq Tel: 21647657 Mob:79926196
Prop. Joseph Scerri
Daily Fresh Fruit & Vegetables
Opening Hours
Mon & Thur
9.15am - 7.00pm
Tue, Wed & Fri
7.15am - 12.00pm
4.00pm - 7.00pm
Sat
7.15am - 1.00pm






## Differenzi u xebh fid-diskors bid-djalett tal-ġenituri lit-tfal abbażi tal-varjabbli tal-edukazzjoni

*Claire Zammit B.A (Hons) Malti*

***Ħal Safi u d-djalett tiegħu***

Ħal Safi huwa raħal żgħir u tradizzjonali. Wieħed mill-karatteristiċi sbieħ li għandu dan ir-raħal huwa d-djalett. Djalett li huwa esklussiv u uniku. Jekk wieħed iqatta' mqar nofstanhar iħuf fit-toroq ta' dan ir-raħal hekk sabiħ, mill-ewwel jisma' lin-nies fit-triq jitkellmu bejniethom bid-djalett. Biss ta' spiss kont ninnota li din il-varjetà aktar għandha tendenza li tiġi mitkellma minn dawk ta' età kemxejn kbira. Din mhix eċċezzjoni għar-raħal tagħna biss għaliex saru diversi studji li jixhdu dan il-fatt. Madanakollu, kien jinkwetani l-ħsieb li dan id-djalett tant prezzjuż se jieqaf ma' ġenerazzjoni partikolari u ma jkomplix fil-futur. Għaldaqstant, iddeċidejt li nagħmel it-teżi tal-baċellerat tiegħi propju fuq hekk. Din ir-riċerka tfittex li ssir taf x'ħa jiġri minn dan id-djalett.

***Riċerka permezz ta' diversi Ommijiet***

Sabiex niġbor l-informazzjoni li kelli bżonn iddeċidejt li nintervista wħud mill-ommijiet ta' dan ir-raħal li għandhom ħakma tad-djalett. Għaliex l-ommijiet? Minħabba li ridt nara jekk dan id-djalett hux se jintiret, kien għaqli li niffoka dan l-istudju fuq l-ommijiet minħabba li dawn għandhom aktar tendenza li jinfluwenzaw it-taħdit ta' wliedhom żgħar. Dan il-fenomenu fil-lingwistika li jissejjaħ 'Child directed Speech', jispjega wkoll li dawn l-influwenzi fit-taħdit tat-trabi u tfal jiddetermina u jinfluwenza l-modi tat-taħdit anke meta jikbru.

Sfortunatament, l-istudji juri li d-djalett iġorr miegħu ċertu tabu u stigma soċjali. Għaldaqstant, qsamt dawn l-ommijiet f'żewġ kategoriji. Ħames ommijiet li għandhom edukazzjoni sekondarja u ħamsa li għandhom edukazzjoni terzjarja. Wara kkumparajthom flimkien u analizzajt l-għażliet li għamlu dawn il-ġenituri.

***Ommijiet li għandhom edukazzjoni sekondarja***

Wara li għamilt dan l-istudju nista' ngħid li sibt evidenza ċara li l-okkorrenza tad-


T: 2249 8323/4
ALL
YOU
NEED
IS
CONVENIENCE
Convenience
Shop
RANGE OF
CHEESE
RANGE OF
HAM
MILK
CONFECTIONERY
THE CONVENIENCE SHOP - M'SCALA
THE CONVENIENCE SHOP SAFI 2
Triq Ta' Ġaħwar
OPENING HOURS
From 5am to 9pm including Sunday's and public holidays


StudioB
Health & Beauty
112, St. Paul's Street, Żurrieq
Tel: 21 682 421 • Mob: 99 458 644
gannajs@hotmail.com
www.studioBslimming&beauty.com.mt
10% discount will be given on presentation
of this advert on all treatments @ studiob health & beauty
Services provided at StudioB includes:-
• All types of facials tailored to fit the clients need,
• Waxing and holistic massages for him and her,
• Pedicures and Manicure,
• IPL treatments,
• Weight loss treatments using latest technology,
• Make up for all occasions.
All the above services are performed
by qualified staff

diskors djalettali huwa korelattiv mal-livell edukattiv tal-persuna. Huwa evidenti li l-ommijiet li għandhom livell ta' skola baxx għandhom aktar it-tendenza li jitkellmu bid-djalett man-nies li jħossuhom komdi magħhom speċjalment dawk tal-familja. Id-diskors djalettali f'dawn il-familji fil-maġġoranza tagħhom huwa frekwenti u ta' sikwit. Dan minħabba l-fatt li huma marbutin ħafna mar-raħal anke minħabba li dawn l-ommijiet jew joqogħdu d-dar jew inkella għandhom xogħol manwali.

***Ommijiet bi sfond edukattiv terzjarju***

Mill-banda l-oħra, hemm tendenza li l-ommijiet li għandhom sfond edukattiv terzjarju għandhom anqas tendenza li jużaw id-djalett. Dan minħabba l-fatt li dawn ikollhom kuntatt lil hinn mir-raħal fejn jiltaqgħu ma' varjetajiet differenti li jistgħu jinfluwenzawhom. Jista' jkun ukoll li l-ħajja akkademika influwenzat l-għażliet lingwistiċi tagħhom. Anki minħabba l-prestiġju marbut mal-istandard u l-istigma soċjali li għandu d-djalett. Dawn in-nies li għandhom ċertu pożizzjoni fis-soċjetà jagħżlu li jitkellmu bl-Istandard. Dan ma jfissirx li d-djalett ma jintużax għaliex kif jidher fit-traskrizzjonijiet, it-traċċi u allura l-influwenzi djalettali qegħdin hemm u għadhom preżenti biss mhux bil-frekwenza daqstant qawwija tal-ewwel ħames informanti. Tlieta minn ħamsa li rrekordjajt użaw id-djalett. Allura, kelli żewġ sessjonijiet li kienu jixbhu aktar l-ewwel grupp milli t-tieni wieħed. F'dan il-każ, il-varjabbli tal-edukazzjoni ma jaffettwax daqstant it-taħdit ta' din l-omm. Fl-ewwel ħames traskrizzjonijiet kienu erbgħa minn ħames familji li użaw id-djalett. Traskrizzjoni ħamsa, għalkemm l-omm għandha sfond edukattiv sekondarju, l-omm xorta waħda ma tkellmet xejn bid-djalett. Differenza ewlenija li nnutajt kienet fl-interferenzi ta' kliem barrani. Bla dubju ta' xejn, dawk li għandhom sfond edukattiv terzjarju għandhom tendenza akbar li jużawh u jħeġġu lil uliedhom sabiex jużawh ukoll.

***Riżultati Inkuraġġanti***

Dawn ir-riżultati miksuba huma ta' sodisfazzjon kbir għalija għaliex huma riżultati sinifikattivi ħafna. Jekk nieħdu r-riżultat fit-totalità tiegħu, kienu seba' informanti minn għaxra li użaw id-djalett.

Dan jikkonferma li d-djalett f'Ħal Safi għadu b'saħħtu ħafna.
Bis-saħħa t'hekk hemm it-tama li d-djalett ta' Ħal Safi jibqa' jintiret u ma jintilifx.


MOVIE LAND
66, TRIQ MATTEOLO SALIBA, ZURRIEQ
TEL: 27642460
E-MAIL: KKCAMILLERI@GMAIL.COM
Smart & Mobile Phones
iPhone 5
GALAXY S IV
MOVIE LAND
TV's - 2 YEARS FULL WARRANTY - All sizes - GREAT PRICES!!!
PHILIPS
Hisense
Panasonic
ATRON
Blu-ray 3D
DVD & BLU-RAY Rentals
• Attractive prices, GREAT SELECTION
Photocopy Service
• Unbeatable quality - Full Colour, B&W
• Print from digital media - CD/USB/MMC
Repair Centre
• WARRANTY issued on most repairs
Mobile Phones
• Latest models, accessories, repairs
DVB-T receivers for Digital Freeview
DVD Players
Computer Accessories
BLU-RAY Players
• Stand & Desk fans
• High Velocity fans
• With or without remote
• Silent motor
Tablets
Cordless Phones


Blacks & Blondes
Unisex Salon
CUT | COLOUR | BLOWDRY | UPSTYLE
21683860 79591956
Triq il-Kaċċaturi, Ħal Safi




## San Pawl jistaqsi…

*Grace D'Amato - Superjura M.U.S.E.U.M bniet*

***Tlett tifkiriet importanti ta' San Pawl, fosthom il-Konverżjoni***

Matul is-sena niftakru u nifirħu bi tlett waqtiet importanti fil-ħajja ta' Missierna San Pawl: l-ewwel huwa propju dak tal-Konverżjoni; it-tieni huwa dak tan-Nawfraġju tiegħu f'Malta u t-tielet huwa dak tal-Martirju tiegħu. Biss, li hu speċjali huwa li San Pawl hu l-uniku persuna li aħna niċċelebraw l-konverżjoni tiegħu, barra li niċċelebraw il-mewt u l-martirju tiegħu. Dan għaliex din kienet ġrajja li tant laqtet lil San Pawl, immarkat ħajtu kollha u nistgħu ngħidu wkoll ħajjet il-Knisja. San Pawl iltaqa' ma' Sidna Ġesù Krist fit-triq ta' Damasku, u hemm seħħet il-konverżjoni tiegħu. Ta' din il-ġraja għandna tliet rakkonti differenti: tnejn fl-Atti tal-Appostli, u t-tielet fl-Ittra tal-Galatin.

***Il-Konverżjoni: Ġesù nnifsu jwasslu għaliha***

San Pawl kien sejjer Damasku biex jippersegwita lill-insara. Fit-triq deherlu dawl kbir, dawl li ħasdu, u hemmhekk kellu l-ewwel esperjenza ta' Ġesù. Din hija l-ewwel ħaġa li tgħaġġibna: lil San Pawl, Ġesù nnifsu wasslu għall-konverżjoni. Alla l-Imbierek għamel dan biex 'il quddiem San Pawl jkun jista' jgħid li hu huwa verament appostlu. San Pawl kemm il-darba jgħid: *jien ltqajt ma' Kristu rxoxt, mela jien appostlu, l-aħħar wieħed, imma wieħed mill-appostli li għażel il-Mulej Ġesù għax lili huwa għażilni propju fit-triq ta' Damasku.*

***Il-Konverżjoni: Att ta' umiltà***

It-tieni episodju mportanti fil-konverżjoni ta' Missierna San Pawl, huwa l-fatt li biex San Pawl aċċetta dak li qallu l-Mulej, kellu jagħmel att ta' umiltà. Ħadd minna ma jista' jersaq lejn il-Mulej jekk mhux bl-umiltà, jiġifieri li nagħarfu l-kobor ta' Alla, insiru nafuh u ngħarfu fil-kobor t'Alla, il-kobor tagħna. San Pawl kellu jgħaddi minn din l-istess triq; kien jgħid u jiftaħar li jaf l-Iskrittura u l-Liġi Lhudija għax kien studjahom, imma wara l-esperjenza tad-dehra tal-Mulej Ġesù jinduna

kemm ma jaf xejn, u għalhekk, kif induna b'Sidna Ġesù Kristu, San Pawl għamel żewġ mistoqsijiet lil Alla l-Imbierek:

1. *"Min int, Mulej?"* - Dak li kien jaf il-liġi Lhudija kollha jasal biex jagħmel din il-mistoqsija. Qabel lanqas kien jazzarda jagħmel mistoqsija bħal din għax hu kien mingħalih li jaf kollox.

2. *"Xi tridni nagħmel, Mulej?"* - U l-Mulej bagħtu għand Ħananija għax permezz ta' dan ir-raġel kien ser isir jaf il-Mulej x'qiegħed jippretendi minnu. Hawnhekk jidher kif daħal Sidna Ġesù Kristu fl-istorja ta San Pawl, għax għenu biex ikun jista' jagħmel dan l-att ta' umiltà profonda. Forsi waħdu ma kienx jasal, imma meta Kristu daħal fl-istorja tiegħu u hemmhekk ħallieh tliet ijiem ma jistax jara, San Pawl għex fl-umiljazzjoni li jiddependi minn ħaddieħor. Iżda Hu daħal fl-istorja tiegħu mhux b'kumbinazzjoni, imma għax ried li jipprepara lil San Pawl ħalli jkun missjunarju, dawl tal-ġnus.

***U jien ???***

Jien forsi ngħid lili nnifsi: " 'Għaliex għandi nikkonverti?' Il-konverżjoni tolqot lil min hu ateju u jsir jemmen, il-midneb li jsir ġust. Imma jiena m'għandniex bżonn ta' konverżjoni, jiena diġa' nisrani! Għaldaqstant jien f'posti hux?" Dan mhux minnu. Meta naħsbu hekk ma nkunux qed nindunaw li għandna bżonn nikkonvertu propju minn din il-preżunzjoni? Irridu nibqgħu nikkonvertu dejjem, ħalli jkollna s-sentimenti li kellu Ġesù. Alla jrid li l-bnedmin kollha jkunu salvati permezz ta' Ġesù Kristu, l-uniku medjatur (ara 1 Tim. 2:4-6).

u aħna dejjem nistgħu nikbru, dejjem nistgħu nikkonvertu għal dak li hu aktar tajjeb f'xebħ ma' Kristu Ġesù.

***Radd il-ħajr u impenn min-naħa tagħna***

Għalhekk ħbieb, waqt li nirringrazzjaw lil Alla għal din il-grazzja li ta lill-Knisja kollha, meta taha lil Missierna San Pawl, ejjew nitgħallmu minnu ħalli l-konverżjoni tagħna li jeħtieġ ngħixuha jum b'jum issir bis-serjetà, u nħallu lil Alla l-Imbierek imissilna qalbna u moħħna ħalli aħna wkoll nkunu nistgħu niftaħru li aħna qaddejja tal-Mulej bħal Missierna San Pawl.

Il-festa t-tajba lil kulħadd!


PARADISE
WINES & SPIRITS
Tal-Paradise
CASH & CARRY
Wholesalers of Wines, Spirits and Soft Drinks
Supplier for Gas Cylinders
20, Triq L-iSkola, Ħal Safi
Tel: 21682125 • Mob: 99269375 • e-mail: paradise_nick@hotmail.com


HAMMERITE
CISA
rolson
QUALITY TOOLS
WURTH
Every thing you need under one roof.
SUPER S IRONMONGERY
Dun Matteolo Saliba Street, Żurrieq Tel: 27 689 256
MOTTURA
Opening Hours:
Monday to Friday: 6:30am - 1:00pm
3:00pm - 7:00pm
Saturday 6:30am - 1:00pm

# Mario Service Station

### *3D Wheel Alignment*

*Nagħmlu xogħol ta':*

*Punctures,*

*Computerised wheel balance,*

*General service,*

*New tires all brands,*

*Car & motor batteries*

*Kull tip ta' Alloy Wheels*




***Żurrieq Road, Safi - Tel:2764 1419***




## Inkomplu nibnu fuq il-passi ta' Missierna San Pawl!

*Jonathan Brincat - Superjur M.U.S.E.U.M subien*

***IL-MUSEUM f'Raħal ddedikat lil San Pawl!***

Il-M.U.SE.U.M. fil-Parroċċa hu barka minn Alla b'mod speċjali għall-parruċċani! Mhux kullimkien issib id-djar tal-M.U.SE.U.M., inkluż postijiet f'Malta. Ħal Safi għad għandu din il-grazzja li l-M.U.SE.U.M. għadu ħaj u fih jilqa' kuljum tfal u żgħażagħ biex jiffurmaw ruħhom fil-prinċipji u l-valuri Nsara li jissarrfu fil-ħajja tagħhom, fl-għażliet u l-mumenti ta' deċiżjonijiet li jkollhom jieħdu matul il-ħajja.

***San Pawl Funadatur tal-M.U.S.E.U.M.?***

San Ġorġ Preca bl-umiltà kollha kien jgħid li l-fundatur tas-Soċjetà tal-M.U.SE.U.M. hu Missierna San Pawl! Kulħadd jaf li Dun Ġorġ kien il-fundatur (li beda l-M.U.SE.U.M.). Imma hu kellu devozzjoni kbira lejn dan il-qaddis, u ried li l-membri jkunu midħla tal-ħajja u l-kitbiet tiegħu b'mod speċjali tas-sentenzi qawwija u profondi li kien jikteb u jgħid. Infatti, kemm fil-25 ta' Jannar, fit-tifkira liturġika tal-konverżjoni u kif ukoll fl-10 ta' Frar, meta nfakkru n-nawfraġju, San Ġorġ Preca kitbilna 2 programmi sbieħ u li fihom nieqfu u nixtarru minn xiex għadda dan il-qaddis kbir għall-imħabba u l-ġenn li kellu għal Sidna Ġesù Kristu. San Ġorġ Preca ried li nimitawh lil Missierna San Pawl b'mod speċjali fil-predikazzjoni mingħajr biża' kontra l-kurrenti ta' madwarna!

***Ħadd ma jagħti minn dak li m'għandux!***

Hekk kien iħobb itenni San Ġorġ Preca u għalhekk waqqaf Soċjetà fuq pedament sod, fuq Kristu u l-valuri tiegħu. Qed ngħixu f'ħajja wisq mgħaġġla u sofistikata, fejn kollox kemm tagħfas buttuna jew tmiss sempliċiment *screen*! U dan għalkemm insibuh utli, jista' faċilment jaljenana u jitfagħna mexjin b'rasna mgħaddsa 'l isfel fejn moħħna jkun kontinwament mehdi f'affarijiet li fil-verità mhumiex essenzjali għalina! Dan bil-konsegwenza li nżommu l-kuntatt ta' subgħajna u għajnejna fissi mal-i*screen* u għall-kuntrarju l-ebda kuntatt tanġibbli u reali ma' min hu l-iktar fil-qrib tagħna u li għandu bżonna.

Aħna konvinti li l-ġenituri jixtiequ l-aqwa ġid lil uliedhom u li lesti jinvestu għall-ġid ta' uliedhom. Għiduli ftit x'ġid akbar hemm milli l-ulied jitilgħu b'karattru u valuri tajbin! Ħafna mill-problemi li qed jiffaċċjaw ruħhom magħhom iż-żgħażagħ tal-lum huma marbutin ma' kriżi ta' valuri. U proprju dan huwa l-għan tas-Soċjetà tal-M.U.SE.U.M., li naħdmu id f'id mal-ġenituri u n-nanniet, sabiex l-ulied li għada pitgħada jkunu l-ommijiet u l-missirjiet, ikunu kapaċi jiffaċċjaw l-isfidi li toffri l-ħajja tal-lum. Santu Wistin, wara li kien jaf x'joffri Alla u x'joffru l-valuri ta' dinja mingħajr Alla, stqarr: *"Inti ħlaqtna għalik o Alla, u qalbna ma ssibx mistrieħ jekk mhux fik"*. Int li qed taqra dan l-artiklu temminha xejn din l-istqarrija?

***Biex ħajjitna tkun mimlija b'Alla***

San Ġorġ Preca kien jgħallem u jippriedka u kulħadd kien jibqa' ssummat iħares lejh u jifli bir-reqqa kull kelma li kienet toħroġ minn fommu. Kien bniedem ta' Alla; kien jinħass li hu qaddis! Fil-laqgħat tiegħu kien kontinwament jitkellem fuq Alla u kien iħobb isemmi diversi sentenzi (ġakolatorji) li xtaq li jkunu ripetuti diversi drabi matul il-ġurnata, fosthom:

> **"Sinjur Alla jiena għandi bżonnok."**
> **"Jekk trid tagħti xi ħaġa lil Alla, ibgħathielu mal-proxxmu."**
> **"Grazzi Sinjur Alla u aħfirli sinjur Alla."**

Mistoqsija li kien iħobb jibni fuqha d-diskorsi tiegħu mat-tfal kienet din:
**"X'inhu jagħmel bħalissa Alla? Alla bħalissa qiegħed iħobb!"**
Temminha xejn int din?

***"Imitaw lili, għax jien imitajt lil Kristu"***

L-awgurju tagħna, b'mod speċjali f'din il-festa għażiża ta' Missierna San Pawl, huwa dan: li kull wieħed u waħda minna jħabbrek sabiex jgħix tajjeb u jipprattika l-valuri u l-fidi.

Din kienet u hi x-xewqa ta' San Pawl u li għaliha ħadem u bata u ħa l-martirju sabiex jara li Ġesù jkun maħbub u magħruf. U bħalu jalla lkoll inkunu nistgħu ngħidu: *"Imitaw lili, għax jien imitajt lil Kristu."*

Il-Paċi magħkom!

# Little Profit Bazaar

## Safi

Underwear, Women's and men's wear, Children's wear

Shoes and toys, Stationery and photocopies, Household products

Mob: 9940 7318 - 9925 5387

*Nixtiequ l-festa t-tajba lill-Ħalsafin kollha*



**PRINT**INK
MEDIA

ONE STOP PRINT & MEDIA SHOP

**DESIGN – PRINTING – BRANDING**

BUSINESS CARDS . T-SHIRTS . BANNERS
STICKER PRINTING . VINYL CUTTING . SIGNS
& MORE


DB
Photography


AZ
STATIONERY
Independence Avenue
Zurrieq ZRQ 2339, Malta
Email: azstationery@hotmail.com
Web: www.azstationery.com
Tel: 21640528 / 27640528
Mob: 79270291 - Ray Scicluna
Sub Post Office
We offer: Colour/BW photocopies• Binding•Lamination•Book Covering• Photo Printing•Printing•Large Format Printing•Toiletries•Household Goods• Toys•Personlised Gifts• Passport Photos•
Distributors For:
CoLibrì
COVER SYSTEM
BALMAR



# For Domestic & Industrial Projects

All Types of Aluminium & Double Glazing
- Available in Different Colours • Automated Doors
- Insect Screens • Louvres • Skylights
- Arched Windows & Doors Blinds

*Free Advice & Quotations*

EXPRESS ALUMINIUM LIMITED

**Express Bldg, Triq l-Imdina, Żebbuġ ŻBĠ 9018**
**Tel: 21 461 078, 21 465 110 Mob: 99 595 318**
**Fax: 21 465 798 Web: www.expressaluminium.com**

Johnny Holidays
Travel Centre

John Zammit

*Incoming Travel Agency*

Triq il-Bronja
Żurrieq
**MALTA**

Tel: (+356) 2164 7647
Mob: (+356) 7944 4082
Fax: (+356) 2164 7640
e-mail: info@johnnyholidays.com
**www.johnnyholidays.com**

DREZZIER
FASHION

Drezzier Fashion Wear for Her

**75, Blue Grotto Avenue, Żurrieq**
**T: 2709 9938**


JOSEPH GATT
GOLD - SILVER
GILDER (INDURATUR)
Block 2, No.9
Old Governor Palace Street,
Vittoriosa
Tel: 2166 4242
Mob: 9986 0648
GHAL
KULL TIP
TA'
NDURATURA
FI DJAR
U
KNEJJES


George Zammit & Sons
RELIGIOUS ARTICLES SUPPLIER EST 1954
• Pjaneti
• Rigali
• Kalċijiet
• Sferi
• Ikoni
• Xemgħa Likwida
• Damaski
146, Old Bakery Street
Valletta VLT09 - Malta
Shop: 2123 2933
Mob: 9985 6842
Find us on Facebook
OPENING HOURS
Monday to Saturday 09.15 - 13.00
gzamson@onvol.net - www.religiousshopmalta.com

# Mir-Reġistri tal-Parroċċa
(Mill-Festa l-oħra 'l hawn)

**Bdew il-Ħajja Nisranija:**



Keyan Mizzi, Sarah Zammit Hayman, Tommy Abdilla, Nick Bugeja, Ace Briffa Ciancio, Dashaya Brincat Berrad, Karl Camilleri, Philip Darmanin, Kataleya Ellul, Larson Mallia, Mirea Seychell, Emilia Copping, Liana Azzopardi, Ben Baldacchino, Eliana Marie Borg Spiteri, Kyler Zahra, Miguel Caruana, Mattea Psaila, Alessia Abdilla Inguanez, Samantha Marie Borg, Cesco Coleiro, Leon Ellul, Isaac Mallia, Allen Boyce, Nico Cassar, Casey Dunlop Cachia, Zayden Farrugia, Giuseppe Polidano, Leonard Vella.

**NIFIRĦULHOM!**



**Għamlu l-Ewwel Tqarbina – 16 ta' Ġunju 2019:**

Samuel Abela, Gianluca Bellotti, Kyle Cutajar, Cayden Paul Dalli, Liam Debono, Dylan Ellul, Daniel Meli, Kaydem Mizzi, Luca Jean Pace, Jensen Psaila, Jake Pulis, Leachim Schembri, Nicolai Stivala Tabone, Alessandro Zammit, Kaydon Zammit, Gabrielle Abdilla, Juliette Anne Azzopardi, Mariah Ann Baldacchino, Nicole Balzan, Francesca Calleja, Kate Camilleri, Xayzil Dahrouj Mallia, Elena Gatt, Cadee Grixti, Nina Marie Saliba, Elisa Marie Shead Farrugia, Manuela Vella, Sienna Zahra.

**NAWGURAWLHOM!**

**Irċevew il-Griżma tal-Isqof – 28 ta' Ottubru 2018:**



Gianluca Aquilina, Nathan Balzan, Redeemer Cachia, Ronaldino Camilleri, Nierick Fenech, Emir Mansour, Francesco Mario Mifsud, Ismael Mifsud, Alexander Zahra, Kimberly Abdilla, Katerina Borg, Mariah Borg Ann Pace, Michela Busuttil, Mariah Caruana, Ismeghlia Debattista, Yasmine Fenech, Janica Koustas, Katrina Montebello, Anthea Muscat, Emilia Ordinato, Elisa Schembri, Thea Spiteri.

**L-ISPIRTU TA' ALLA JKABBARHOM FIH!**



**Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ:**

Kenneth Azzopardi ma’ Veronica Zammit
Paul Zarb ma’ Doris Zarb
Owen Piscopo ma‘ Lara Zammit
Christopher Degiorgio ma’ Maria Vella
Cristiano Fenech ma’ Christine Cassar

**NAWGURAWLHOM!**

**Daħlu Jistrieħu fil-Ħajja ta’ Dejjem:**

Francis Zammit, Ġuża Abdilla, Ġuża Callus, Gloria Debono, Ġużu Callus, Ġiljan Camilleri, Karmenu Caruana, Maria Muscat, Mikelanġ Zammit, Karmenu Zahra, Doris Pisani, Christen Cachia, Redent Cachia.

**NITOLBU GĦALIHOM!**





# AVVIŻ - BUKKETT LI MA JINXIFX

Napprezzaw li matul il-jiem tal-festa,
apparti li jingħataw bukketti ta' fjuri friski,
nagħmlu wkoll il-**bukkett li ma jinxifx**,
jiġifieri li jkollna persuni li jagħtu offerta
li mhux biss issebbaħ, imma li tibqa' titgawda wkoll.

Din is-sena, dan il-bukkett li ma jinxifx se jmur b'riżq l-ispejjeż
tal-bankun il-ġdid tal-forċini tal-istatwa ta' San Pawl,
ir-rifletturi l-ġodda li jdawwlu l-intern tal-Knisja,
it-tkomplija tar-restawr tal-gandlieri ta' kuljum,
u t-tiswija tal-lanterna tal-Knisja minn ġewwa u minn barra.
Grazzi tal-ġenerożità tagħkom biex dawn l-inizjattivi nwettquhom.

# ARBURAL

**GĦALL-FESTA NISRANIJA**

**Ix-xahar l-ieħor irċevejtu l-envelop tal-ARBURAL.**

**Is-sehem tiegħek hu IMPORTANTI u TA' ĦTIEĠA KBIRA.**

**Tgħidx: "Kemm kellna festa sabiħa!" u ma tkunx tajt is-sehem tiegħek.**

**Ibgħat l-envelop lill-Kappillan fl-Uffiċċju Parrokkjali.**

**GRAZZI! GRAZZI! GRAZZI!**

*Quddiesa kuljum tagħmel il-ġurnata isbaħ.*
*Ġesù l-ħin kollu jistenniena.*

**Ħinijiet tal-Quddies**
**PARROĊĊA SAN PAWL – SAFI**

**Matul il-ġimgħa – 7:30 am u 6:30 pm;**
**Ħdud u Festi Kmandati – 6:45 am, 9:00 am;**
**Filgħaxija – 5:30 pm (fix-xitwa), 6:00 pm (fis-sajf).**





parroccasafi.wordpress.com
: facebook.com/paroccaHalsafi